Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0084(COD)

22.10.2025

EMENDI
34 - 256

Abbozz ta' rapport
Lena Düpont
(PE776.837v01-00)

Is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2022)0119 – C9-0121/2022 – 2022/0084(COD))

Emenda 34
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tas-27 ta' Novembru 2019 fil-Kawża T-31/18, Luisa Izuzquiza u Arne Semsrott vs L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta,

Or. en

Emenda 35
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni bħalissa għandhom ir-regoli tagħhom stess dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, abbażi tar-regoli ta' proċedura tagħhom jew tal-att ta' stabbiliment tagħhom, jew ma għandhom l-ebda regola bħal din. F'dan il-kuntest, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni jinvestu sforzi sinifikanti fl-adozzjoni ta' approċċi differenti, li jwasslu għal sitwazzjoni fejn l-iskambju ta' informazzjoni mhux dejjem ikun affidabbli. In-nuqqas ta' approċċ komuni jxekkel l-użu ta' għodod komuni li jibnu fuq sett miftiehem ta' regoli skont il-ħtiġijiet ***tas-sigurtà*** tal-informazzjoni li trid tiġi protetta.	(1) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni bħalissa għandhom ir-regoli tagħhom stess dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, abbażi tar-regoli ta' proċedura tagħhom jew tal-att ta' stabbiliment tagħhom, jew ma għandhom l-ebda regola bħal din. F'dan il-kuntest, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni jinvestu sforzi sinifikanti fl-adozzjoni ta' approċċi differenti, li jwasslu għal sitwazzjoni fejn l-iskambju ta' informazzjoni mhux dejjem ikun affidabbli ***jew sigur***. In-nuqqas ta' approċċ komuni jxekkel l-użu ta' għodod komuni li jibnu fuq sett miftiehem ta' regoli skont il-ħtiġijiet ***ta' sigurtà*** tal-informazzjoni li trid tiġi protetta***, kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' tali għodod***.

Or. en

Emenda 36
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni bħalissa għandhom ir-regoli tagħhom stess dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, abbażi tar-regoli ta' proċedura tagħhom jew tal-att ta' stabbiliment tagħhom, jew ma għandhom l-ebda regola bħal din. F'dan il-kuntest, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni jinvestu sforzi sinifikanti fl-adozzjoni ta' approċċi differenti, li jwasslu għal sitwazzjoni fejn l-iskambju ta' informazzjoni mhux dejjem ikun affidabbli. In-nuqqas ta' approċċ komuni jxekkel l-użu ta' għodod komuni li jibnu fuq sett miftiehem ta' regoli skont il-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-informazzjoni li trid tiġi protetta.	(1) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni bħalissa għandhom ir-regoli tagħhom stess dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, abbażi tar-regoli ta' proċedura tagħhom jew tal-att ta' stabbiliment tagħhom, jew ma għandhom l-ebda regola bħal din. F'dan il-kuntest, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni jinvestu sforzi sinifikanti fl-adozzjoni ta' approċċi differenti, li jwasslu għal sitwazzjoni fejn ***hemm inkonsistenzi u lakuni tas-sigurtà potenzjali u*** l-iskambju ta' informazzjoni mhux dejjem ikun affidabbli. In-nuqqas ta' approċċ komuni jxekkel l-użu ta' għodod komuni li jibnu fuq sett miftiehem ta' regoli skont il-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-informazzjoni li trid tiġi protetta.

Or. en

Emenda 37
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Peress li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma obbligati japplikaw l-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") f'konformità mal-prinċipji demokratiċi, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), is-sistema ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea

("IKUE") jenħtieġ li taderixxi mal-prinċipji tal-minimizzazzjoni tal-klassifikazzjoni tad-data u l-limitazzjoni taż-żmien għal kwalunkwe klassifikazzjoni bħal din.

Or. en

Emenda 38
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Filwaqt li sar progress lejn regoli aktar konsistenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea ("IKUE") u ta' informazzjoni mhux klassifikata, l-interoperabbiltà tas-sistemi rilevanti tibqa' limitata, u dan jipprevjeni trasferiment mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex ikun jista' jsir approċċ interistituzzjonali għall-kondiviżjoni ta' IKUE u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, b'kategoriji komuni ta' informazzjoni u prinċipji ewlenin komuni ta' trattament. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll linja bażi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kondiviżjoni ta' IKUE u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u mal-Istati Membri.	(2) Filwaqt li sar progress lejn regoli aktar konsistenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea ("IKUE") u ta' informazzjoni mhux klassifikata, l-interoperabbiltà tas-sistemi rilevanti tibqa' limitata, u dan jipprevjeni trasferiment mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Unjoni. ***Il-kooperazzjoni u l-fiduċja interistituzzjonali huma kruċjali biex jipproteġu, b'mod effiċjenti u effettiv, l-ambjent tas-sigurtà tal-informazzjoni tal-Unjoni.*** Għalhekk jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex ikun jista' jsir approċċ interistituzzjonali ***bbażat fuq sinerġiji akbar*** għall-kondiviżjoni ta' IKUE u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, b'kategoriji komuni ta' informazzjoni u prinċipji ewlenin komuni ta' trattament. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll linja bażi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kondiviżjoni ta' IKUE u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u mal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 39

Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Filwaqt li sar progress lejn regoli aktar konsistenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea ("IKUE") u ta' informazzjoni mhux klassifikata, ***l-interoperabbiltà tas-sistemi*** rilevanti ***tibqa' limitata***, u dan jipprevjeni trasferiment mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex ikun jista' jsir approċċ interistituzzjonali għall-kondiviżjoni ta' IKUE u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, b'kategoriji komuni ta' informazzjoni u prinċipji ewlenin komuni ta' trattament. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll linja bażi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kondiviżjoni ta' IKUE u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u mal-Istati Membri.	(2) Filwaqt li sar progress lejn regoli aktar konsistenti għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea ("IKUE") u ta' informazzjoni mhux klassifikata, ***l-iskambju bejn is-sistemi*** rilevanti ***għadu limitat***, u dan jipprevjeni trasferiment mingħajr xkiel ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jsiru aktar sforzi biex ikun jista' jsir approċċ interistituzzjonali għall-kondiviżjoni ta' IKUE u informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, b'kategoriji komuni ta' informazzjoni u prinċipji ewlenin komuni ta' trattament. Jenħtieġ li tiġi prevista wkoll linja bażi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kondiviżjoni ta' IKUE u ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u mal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 40
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli rilevanti li jiżguraw livell komuni ta' sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet u fil-korpi kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn jikkostitwixxu qafas ġenerali komprensiv u koerenti għall-protezzjoni tal-IKUE u ta' informazzjoni mhux klassifikata, u jenħtieġ li jiżguraw l-ekwivalenza ta' prinċipji bażiċi u ta'	(3) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli rilevanti li jiżguraw livell komuni ta' sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet u fil-korpi kollha tal-Unjoni***. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jiżguraw kemm protezzjoni adegwata ta' informazzjoni klassifikata u mhux klassifikata tal-UE kif ukoll trasparenza xierqa fejn u meta jkun meħtieġ biex jingħata lok ta'***

standards minimi.	***skrutinju demokratiku u fiduċja pubblika***. Jenħtieġ li dawn jikkostitwixxu qafas ġenerali komprensiv u koerenti għall-protezzjoni tal-IKUE u ta' informazzjoni mhux klassifikata, u jenħtieġ li jiżguraw l-ekwivalenza ta' prinċipji bażiċi u ta' standards minimi.

Or. en

Emenda 41
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ, u li kull ċittadin tal-Unjoni għandu jkollu dritt ta' aċċess għad-dokumenti. Għaldaqstant, kull klassifikazzjoni ta' dokumenti jenħtieġ li ssir fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġenerali.

Or. en

Emenda 42
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Is-sentenza tal-QĠUE tas-27 ta' Novembru 2019 fil-Kawża T-31/18, Luisa Izuzquiza u Arne Semsrott vs l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tikkonkludi li hemm riskju li t-tixrid tal-informazzjoni jista' jolqot is-

sigurtà pubblika, u b'hekk jenfasizza l-importanza tat-trażmissjoni proporzjonata tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 43
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Fil-kuntest tas-sigurtà tal-informazzjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jżidu l-interoperabbiltà organizzazzjonali u jieħdu azzjoni konġunta biex jiżguraw il-protezzjoni kif xieraq tan-networks, tas-sistemi ta' informazzjoni, tad-data u tal-assi materjali kollha użati biex tinqabad, tinħażen, tiġi pproċessata u tiġi trażmessa l-informazzjoni.

Or. en

Emenda 44
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-pandemija reċenti ***kkawżat bidla*** sinifikanti fil-prattiki tax-xogħol ***b'għodod*** ta' komunikazzjoni mill-bogħod ***isiru*** r-regola. Għalhekk, ħafna proċeduri li kienu għadhom tal-anqas parzjalment ibbażati fuq il-karta ġew aġġustati malajr biex jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambji ta' informazzjoni. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu bidliet fit-trattament u fil-protezzjoni tal-informazzjoni. Dan ir-Regolament iqis il-prattiki ta' ħidma l-	(4) Il-pandemija reċenti ***aċċellerat it-trasformazzjoni sottostanti*** sinifikanti fil-prattiki tax-xogħol***, u l-għodod*** ta' komunikazzjoni mill-bogħod ***saru*** r-regola. Għalhekk, ħafna proċeduri li kienu għadhom tal-anqas parzjalment ibbażati fuq il-karta ġew aġġustati malajr biex jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambji ta' informazzjoni. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu bidliet fit-trattament u fil-protezzjoni tal-informazzjoni. Dan ir-

ġodda.

Regolament iqis il-prattiki ta’ ħidma l-ġodda.

Or. en

Emenda 45
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-pandemija reċenti kkawżat bidla sinifikanti fil-prattiki tax-xogħol ***b’għodod*** ta’ komunikazzjoni mill-bogħod ***isiru r-regola***. Għalhekk, ħafna proċeduri li kienu ***għadhom*** tal-anqas parzjalment ibbażati fuq il-karta ġew aġġustati malajr biex jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambji ta’ informazzjoni. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu bidliet fit-trattament u fil-protezzjoni tal-informazzjoni. Dan ir-Regolament iqis il-prattiki ta’ ħidma l-ġodda.	(4) Il-pandemija reċenti kkawżat bidla sinifikanti fil-prattiki tax-xogħol***, u l-għodod*** ta' komunikazzjoni mill-bogħod ***saru komuni***. Għalhekk, ħafna proċeduri li ***qabel*** kienu tal-anqas parzjalment ibbażati fuq il-karta ġew aġġustati malajr biex jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambji ta’ informazzjoni. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu bidliet fit-trattament u fil-protezzjoni tal-informazzjoni. Dan ir-Regolament iqis il-prattiki ta’ ħidma l-ġodda.

Or. en

Emenda 46
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Il-pandemija ***reċenti kkawżat*** bidla sinifikanti fil-prattiki tax-xogħol ***b’għodod*** ta’ komunikazzjoni mill-bogħod ***isiru*** r-regola. Għalhekk, ħafna proċeduri li kienu għadhom tal-anqas parzjalment ibbażati fuq il-karta ġew aġġustati malajr biex jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambji ta’ informazzjoni. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu bidliet fit-trattament u fil-protezzjoni tal-informazzjoni. Dan ir-	(4) Il-pandemija ***tal-COVID-19 ikkawżat*** bidla sinifikanti fil-prattiki tax-xogħol***, u l-għodod*** ta' komunikazzjoni mill-bogħod ***saru*** r-regola. Għalhekk, ħafna proċeduri li kienu għadhom tal-anqas parzjalment ibbażati fuq il-karta ġew aġġustati malajr biex jippermettu l-ipproċessar elettroniku u l-iskambji ta’ informazzjoni. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu bidliet fit-trattament u fil-protezzjoni tal-

Regolament iqis il-prattiki ta' ħidma l-ġodda.	informazzjoni. Dan ir-Regolament iqis il-prattiki ta' ħidma l-ġodda.

Or. en

Emenda 47
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Is-sigurtà tal-informazzjoni fl-era diġitali trid tkopri wkoll ir-riskji emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali. B'mod partikolari, il-parametri ewlenin tas-sistemi tal-IA – inkluż l-arkitetturi tal-mudelli, l-algoritmi tat-taħriġ u l-ideat tar-riċerka – jikkostitwixxu informazzjoni sensittiva, kumparabbli f'termini ta' riskju mal-proliferazzjoni tal-għarfien fi kwistjonijiet nukleari jew bijoteknoloġiċi. L-iżvelar mhux awtorizzat ta' karatteristiċi ta' dik ix-xorta jew l-aċċess għalihom jistgħu jippermettu l-użu mill-ġdid tagħhom għal finijiet malizzjużi, inkluż l-attakki ċibernetiċi, l-iżvilupp ta' armi bijoloġiċi u l-manipulazzjoni tal-infrastruttura kritika. Il-protezzjoni ta' dik l-informazzjoni ma hijiex biss kwistjoni teknika iżda wkoll waħda soċjali u organizzazzjonali, li tirrikjedi li jittieħdu miżuri kontra t-theddid u l-ispjunaġġ esterni u interni. Għaldaqstant, l-Unjoni jeħtiġilha tadotta mekkaniżmi ta' sigurtà msaħħa bbażati fuq il-prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien, il-prevenzjoni ta' theddid intern, il-kooperazzjoni interistituzzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riskji u l-inċidenti. Fl-istess ħin, jeħtiġilha tippromwovi inizjattivi internazzjonali biex tiġi prevenuta l-proliferazzjoni mhux ikkontrollata tal-kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali li jistgħu jikkompromettu s-sigurtà kollettiva.

Or. pt

Emenda 48
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Il-mudelli tradizzjonali tas-sigurtà tal-perimetru qed juru li mhumiex adegwati f'kuntest ta' theddid ċibernetiku dejjem aktar sofistikat u persistenti. L-adozzjoni gradwali tal-mudell fiduċja żero, ibbażat fuq validazzjoni kontinwa tal-identità, il-prinċipju tal-inqas privileġġ, monitoraġġ permanenti u segmentazzjoni tan-network, hija essenzjali biex titnaqqas iż-żona ta' esponiment għall-attakki, jiġu evitati r-riskji ta' spjunaġġ u ta' rivelazzjonijiet ta' data, u biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-informazzjoni kritika, b'mod partikolari l-informazzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali u oqsma oħra b'livell għoli ta' riskju. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jintegraw dan il-mudell, b'mod gradwali, fis-sistemi tas-sigurtà tal-informazzjoni tagħhom.

Or. pt

Emenda 49
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Billi joħloq livell komuni minimu ta' protezzjoni għall-IKUE u għal informazzjoni mhux klassifikata, dan ir-Regolament jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni effiċjenti u indipendenti	(5) Billi joħloq livell komuni minimu ta' protezzjoni għall-IKUE u għal informazzjoni mhux klassifikata, dan ir-Regolament jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni effiċjenti u indipendenti

fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom. Fl-istess ħin, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni jżomm l-awtonomija tiegħu fid-determinazzjoni ta' kif għandhom jiġu implimentati r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-ħtiġijiet ta' sigurtà tagħhom stess. Dan ir-Regolament ma għandu fl-ebda każ jipprevjeni l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni milli jwettqu l-missjoni tagħhom, kif fdati mil-leġiżlazzjoni tal-UE, jew jindaħal fl-awtonomija istituzzjonali tagħhom.	fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom. Fl-istess ħin, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni jżomm l-awtonomija tiegħu fid-determinazzjoni ta' kif għandhom jiġu implimentati r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-ħtiġijiet ta' sigurtà tagħhom stess. ***Madankollu, kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni għandhom iqisu l-kosteffettività fl-implimentazzjoni tiegħu.*** Dan ir-Regolament ma għandu fl-ebda każ jipprevjeni l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni milli jwettqu l-missjoni tagħhom, kif fdati mil-leġiżlazzjoni tal-UE, jew jindaħal fl-awtonomija istituzzjonali tagħhom.
	Or. fi

Emenda 50
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-kondiviżjoni tal-IKUE b'mod trasparenti u f'waqtu hija ta' importanza kbira għall-funzjonament xieraq tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex itejbu t-trasparenza, jimminimizzaw u jillimitaw fiż-żmien l-użu ta' dokumenti kunfidenzjali, jipprovdu salvagwardji kontra l-użu tal-klassifikazzjoni b'mod li jipprevjeni lill-entitajiet tal-Unjoni milli jwettqu l-missjoni tagħhom, u jiżguraw li l-informaturi jkunu protetti b'mod adegwat u li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tal-informazzjoni f'konformità mad-dritt u l-aħjar prattiki tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 51
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li kwalunkwe limitazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza tkun meħtieġa u proporzjonata u tirrispetta l-essenza tad-dritt f'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 52
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Il-miżuri kollha tas-sigurtà tal-informazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jenħtieġ li jkunu konformi mal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jipprovdu s-salvagwardji tekniċi u organizzattivi rilevanti biex jiżguraw il-konformità b'mod responsabbli, trasparenti u ġustifikat.

Or. en

Emenda 53
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) Il-membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jenħtieġ li jkollhom aċċess, bis-saħħa tal-mandat tagħhom, għall-informazzjoni kollha meħtieġa, abbażi tal-"prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien" sabiex jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lilhom mit-Trattati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan għandu japplika għall-Membri tal-PE, il-Kummissarji u l-Membri tal-qorti tal-awdituri u tal-QĠUE, eċċ.

Emenda 54
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Bil-għan li tiġi stabbilita struttura formali għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, huwa neċessarju li jiġi stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali (il-"Grupp ta' Koordinazzjoni") li fih ikunu rrappreżentati l-awtoritajiet tas-Sigurtà tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kollha tal-Unjoni. Mingħajr ma jkollu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jtejjeb il-koerenza tal-politiki fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni u jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri u l-għodod tas-sigurtà tal-informazzjoni fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kollha.	(8) Bil-għan li tiġi stabbilita struttura formali ***komuni u uniformi*** għall-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni, huwa neċessarju li jiġi stabbilit Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali (il-"Grupp ta' Koordinazzjoni") li fih ikunu rrappreżentati l-awtoritajiet tas-Sigurtà tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kollha tal-Unjoni. Mingħajr ma jkollu setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-Grupp ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jtejjeb il-koerenza tal-politiki fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni u jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri u l-għodod tas-sigurtà tal-informazzjoni fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 55
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni teħtieġ l-appoġġ ta' esperti f'oqsma differenti tas-sigurtà tal-informazzjoni: il-kategorizzazzjoni u l-immarkar, is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, l-akkreditazzjoni, is-sigurtà fiżika u l-kondiviżjoni ta' IKUE u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti sottogruppi tematiċi. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, il-Grupp ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi sottogruppi oħra b'kompiti speċifiċi.	(9) Il-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni teħtieġ l-appoġġ ta' esperti f'oqsma differenti tas-sigurtà tal-informazzjoni: il-kategorizzazzjoni u l-immarkar, is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, l-akkreditazzjoni, is-sigurtà fiżika u l-kondiviżjoni ta' IKUE u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata. Sabiex ***jitnaqqas il-piż amministrattiv u*** tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti sottogruppi tematiċi. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, il-Grupp ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi sottogruppi oħra b'kompiti speċifiċi.

Or. en

Emenda 56
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni teħtieġ l-appoġġ ta' esperti f'oqsma differenti tas-sigurtà tal-informazzjoni: il-kategorizzazzjoni u l-immarkar, is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, l-akkreditazzjoni, is-sigurtà fiżika u l-kondiviżjoni ta' IKUE u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti sottogruppi tematiċi. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, il-Grupp ta' koordinazzjoni	(9) Il-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni teħtieġ l-appoġġ ta' esperti f'oqsma differenti tas-sigurtà tal-informazzjoni***, inkluż***: il-kategorizzazzjoni u l-immarkar***, id-deklassifikazzjoni***, is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni, l-akkreditazzjoni, is-sigurtà fiżika u l-kondiviżjoni ta' IKUE u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, jenħtieġ li għalhekk jiġu stabbiliti sottogruppi tematiċi. Barra minn hekk, fejn

jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi sottogruppi oħra b'kompiti speċifiċi.	meħtieġ, il-Grupp ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jkun jista' jistabbilixxi sottogruppi oħra b'kompiti speċifiċi.

Or. en

Emenda 57
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Koordinazzjoni jikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet ta' Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Membri bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-informazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Kumitat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-Istati Membri biex jipprovdi parir lill-Grupp ta' Koordinazzjoni.	(10) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Koordinazzjoni jikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet ta' Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Membri bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-informazzjoni fl-Unjoni ***u li jiġi faċilitat l-iskambju tal-IKUE fejn xieraq***. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Kumitat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-Istati Membri biex jipprovdi parir lill-Grupp ta' Koordinazzjoni.

Or. en

Emenda 58
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Koordinazzjoni jikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet ***ta' Sigurtà Nazzjonali*** tal-Istati Membri bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-informazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Kumitat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-Istati Membri biex jipprovdi parir lill-Grupp ta' Koordinazzjoni.	(10) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Koordinazzjoni jikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet ***tal-Klassifikazzjoni*** tal-Istati Membri bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-informazzjoni fl-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit Kumitat għas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-Istati Membri biex jipprovdi parir lill-Grupp ta' Koordinazzjoni.

Or. en

Emenda 59
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis bis-sħiħ l-interessi leġittimi tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri meta jistabbilixxi u japplika l-istandards ta' klassifikazzjoni u protezzjoni għall-Informazzjoni Klassifikata tal-Unjoni Ewropea (IKUE). Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw li l-għarfien espert nazzjonali u r-rekwiżiti tas-sigurtà jitqiesu bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 60
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew ikun kapaċi jittratta l-informazzjoni klassifikata u sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi faċilitajiet u arranġamenti tekniċi xierqa għat-trattament sigur tal-informazzjoni klassifikata tal-UE. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jinkludu kmamar siguri għall-konsultazzjoni u d-diskussjoni, kanali ta' komunikazzjoni protetti, u l-ispezzjoni regolari tat-tagħmir użat għat-trattament ta' IKUE mill-Membri u mill-persunal awtorizzat biex

jipproteġi kontra l-interċettazzjoni.

Or. en

Emenda 61
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Minħabba d-diversità tal-kategoriji ta' informazzjoni mhux klassifikata li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni żviluppaw abbażi tar-regoli ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tagħhom stess u sabiex jiġi evitat dewmien fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni jkunu jistgħu jżommu s-sistema ta' mmarkar tagħhom stess għal finijiet interni jew fl-iskambju ta' informazzjoni mal-kontropartijiet partikolari tagħhom minn istituzzjonijiet u minn korpi oħra jew mill-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 62
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Bl-għan li jiġu aġġustati l-prattiki l-ġodda tat-telexogħol, ***in-networks*** użati għall-konnessjoni mas-servizzi ta' aċċess mill-bogħod tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti b'miżuri ta' sigurtà ***adegwati***.	(14) Bl-għan li jiġu aġġustati l-prattiki l-ġodda tat-telexogħol, ***is-sistemi tan-network ta' informazzjoni, l-infrastruttura diġitali u t-tagħmir terminal*** użati għall-konnessjoni mas-servizzi ta' aċċess mill-bogħod tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti b'miżuri ta' sigurtà ***tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku***.

Or. en

Emenda 63
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Peress li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ta' spiss jagħmlu użu minn kuntratturi u mill-esternalizzazzjoni, huwa importanti li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet komuni relatati mal-persunal tal-kuntratturi li jwettaq kompiti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni.	(15) Peress li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ta' spiss jagħmlu użu minn kuntratturi u mill-esternalizzazzjoni, huwa importanti li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet komuni relatati mal-persunal tal-kuntratturi li jwettaq kompiti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni. ***Fejn jintużaw kuntratturi u esternalizzazzjoni, jenħtieġ li tingħata preferenza lill-operaturi Ewropej.***

Or. fi

Emenda 64
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Peress li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ta' spiss jagħmlu użu minn kuntratturi u mill-esternalizzazzjoni, huwa importanti li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet komuni relatati mal-persunal tal-kuntratturi ***li jwettaq*** kompiti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni.	(15) Peress li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ta' spiss jagħmlu użu minn kuntratturi u mill-esternalizzazzjoni, huwa importanti li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet komuni relatati mal-persunal***, mas-sistemi tal-IT u mal-prattiki*** tal-kuntratturi ***għat-twettiq ta'*** kompiti relatati mas-sigurtà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 65
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Ir-regoli sostantivi dwar l-aċċess għal IKUE fir-regoli interni ta' diversi istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni bħalissa huma allinjati, iżda hemm differenzi sinifikanti fir-rigward tad-denominazzjonijiet u tal-proċeduri meħtieġa. ***Dan joħloq piż għall-Awtoritajiet Nazzjonali tas-Sigurtà tal-Istati Membri li jridu jaġġustaw għal rekwiżiti differenti.*** Għalhekk huwa neċessarju li jiġu previsti glossarju komuni u proċeduri komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-persunal, u b'hekk ***tiġi ssimplifikata l-kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Nazzjonali tas-Sigurtà tal-Istati Membri u*** jiġi limitat ir-riskju li tiġi kompromessa l-IKUE.	(16) Ir-regoli sostantivi dwar l-aċċess għal IKUE fir-regoli interni ta' diversi istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni bħalissa huma allinjati, iżda hemm differenzi sinifikanti fir-rigward tad-denominazzjonijiet u tal-proċeduri meħtieġa. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu previsti glossarju komuni u proċeduri komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-persunal, u b'hekk jiġi limitat ir-riskju li tiġi kompromessa l-IKUE.

Or. en

Emenda 66
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba d-disparità tar-riżorsi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u l-prattiki rilevanti tagħhom, il-kompiti tal-approvazzjoni tas-sigurtà jistgħu jiġu fdati lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi kontinwazzjoni ta' prattika li ilha teżisti fil-qasam tal-approvazzjoni tas-sigurtà u sabiex tikkontribwixxi għaċ-ċentralizzazzjoni tal-kompiti assenjati lil kull Awtorità ta' Sigurtà.	***imħassar***

Or. en

Emenda 67
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Minħabba d-disparità tar-riżorsi fost l-istituzzjonijiet u l-korpi*** tal-Unjoni ***u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u l-prattiki rilevanti tagħhom, il-kompiti*** tal-approvazzjoni tas-sigurtà ***jistgħu jiġu fdati lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi kontinwazzjoni ta' prattika li ilha teżisti fil-qasam*** tal-approvazzjoni ***tas-sigurtà u sabiex tikkontribwixxi għaċ-ċentralizzazzjoni tal-kompiti assenjati lil kull Awtorità ta' Sigurtà***.	(17) ***F'konformità mal-ispirtu tat-test, kull istituzzjoni jew korp*** tal-Unjoni ***jenħtieġ li jżommu r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti*** tal-approvazzjoni tas-sigurtà ***tal-persunal tagħhom, f'konformità mar-regoli komuni stabbiliti u mal-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom. Għal dan l-għan, l-iskrutinju*** tal-approvazzjoni ***jenħtieġ li jiġi pproċessat f'kooperazzjoni bejn l-entità tal-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-approvazzjoni, issupplimentat fejn meħtieġ b'riferiment lill-Istat Membru ta' residenza tal-persuna li għandha tiġi approvata; L-Istati Membri jinvolvu s-servizzi tal-intelligence tagħhom f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħhom***.

Or. en

Emenda 68
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-protezzjoni tal-IKUE hija żgurata wkoll permezz ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali li japplikaw għall-edifiċji, għall-bini, għall-kmamar, għall-uffiċċji jew għall-faċilitajiet tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni fejn tiġi diskussa, trattata jew maħżuna l-IKUE. Dan ir-Regolament jipprevedi l-implimentazzjoni ta' proċess ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni fil-qasam tas-	(18) Il-protezzjoni tal-IKUE hija żgurata wkoll permezz ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali li japplikaw għall-edifiċji, għall-bini, għall-kmamar, għall-uffiċċji jew għall-faċilitajiet tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni fejn tiġi diskussa, trattata jew maħżuna l-IKUE. Dan ir-Regolament jipprevedi l-implimentazzjoni ta' proċess ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni fil-qasam tas-

sigurtà fiżika li jippermetti lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni jagħżlu l-miżuri ta' sigurtà xierqa għas-siti tagħhom.	sigurtà fiżika li jippermetti lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni jagħżlu l-miżuri ta' sigurtà xierqa għas-siti tagħhom. ***Jenħtieġ li titwettaq evalwazzjoni bir-reqqa tal-infrastruttura tas-sigurtà, inkluż is-servizzi, li tinkludi l-aspetti kollha tal-katina u l-ambjent operattivi.***

Or. en

Emenda 69
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE jenħtieġ li jistabbilixxu żoni protetti fiżikament fis-siti tagħhom, sabiex jiżguraw l-istess livell ta' protezzjoni għal-livelli rilevanti tal-klassifikazzjoni tal-IKUE ttrattata u maħżuna fihom. Jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu ddeżinjati bħala Żoni Amministrattivi u Żoni ta' Sigurtà u jirrispettaw standards minimi komuni għall-protezzjoni ta' IKUE.	(19) L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE jenħtieġ li jistabbilixxu żoni protetti fiżikament ***u diġitalment*** fis-siti tagħhom, sabiex jiżguraw l-istess livell ta' protezzjoni għal-livelli rilevanti tal-klassifikazzjoni tal-IKUE ttrattata u maħżuna fihom. Jenħtieġ li dawk iż-żoni jiġu ddeżinjati bħala Żoni Amministrattivi u Żoni ta' Sigurtà u jirrispettaw standards minimi komuni għall-protezzjoni ta' IKUE.

Or. en

Emenda 70
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-kontroll tal-oriġinatur huwa prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-IKUE, għalhekk jeħtieġ li jiġi stipulat u żviluppat b'mod ċar. F'dak ir-rigward, il-ħolqien ta'	(20) Il-kontroll tal-oriġinatur huwa prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-IKUE, għalhekk jeħtieġ li jiġi stipulat u żviluppat b'mod ċar. F'dak ir-rigward, il-ħolqien ta'

IKUE jikkonferixxi lill-oriġinatur responsabbiltà li jenħtieġ li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tad-dokument b'IKUE rilevanti.	IKUE jikkonferixxi lill-oriġinatur responsabbiltà li jenħtieġ li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tad-dokument b'IKUE rilevanti***; l-awtorità tal-oriġini tibqa' s-sid tal-informazzjoni tagħha u għandha l-aħħar kelma biex topponi t-trasferiment tal-informazzjoni***.
	Or. en

Emenda 71
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Il-kontroll*** tal-oriġinatur ***huwa*** prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-IKUE, għalhekk jeħtieġ li ***jiġi stipulat u żviluppat*** b'mod ċar. F'dak ir-rigward, il-ħolqien ta' IKUE jikkonferixxi lill-oriġinatur responsabbiltà li jenħtieġ li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tad-dokument b'IKUE rilevanti.	(20) ***L-opinjoni*** tal-oriġinatur ***hi*** prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-IKUE, għalhekk jeħtieġ li ***tiġi stipulata u żviluppata*** b'mod ċar. F'dak ir-rigward, il-ħolqien ta' IKUE jikkonferixxi lill-oriġinatur responsabbiltà li jenħtieġ li tkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tad-dokument b'IKUE rilevanti.
	Or. en

Emenda 72
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tradizzjonalment żviluppaw is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħhom b'mod awtonomu, b'attenzjoni insuffiċjenti għall-interoperabbiltà tagħhom fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sigurtà li jikkonċernaw is-Sistemi ta' Informazzjoni	(21) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tradizzjonalment żviluppaw is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħhom b'mod awtonomu, b'attenzjoni insuffiċjenti għall-interoperabbiltà tagħhom fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sigurtà li jikkonċernaw is-Sistemi ta' Informazzjoni

u Komunikazzjoni (SKI) li jittrattaw ***u*** li jaħżnu kemm IKUE kif ukoll informazzjoni mhux klassifikata bil-għan li jiġi ggarantit skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.	u Komunikazzjoni (SKI) li jittrattaw***,*** li jaħżnu ***u li jittrażmettu*** kemm IKUE kif ukoll informazzjoni mhux klassifikata bil-għan li jiġi ggarantit skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Or. en

Emenda 73
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tradizzjonalment żviluppaw is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħhom b'mod awtonomu, b'attenzjoni insuffiċjenti ***għall-interoperabbiltà*** tagħhom fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sigurtà li jikkonċernaw is-Sistemi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni (SKI) li jittrattaw u li jaħżnu kemm IKUE kif ukoll informazzjoni mhux klassifikata bil-għan li jiġi ggarantit skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.	(21) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tradizzjonalment żviluppaw is-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħhom b'mod awtonomu, b'attenzjoni insuffiċjenti ***għall-iskambju*** tagħhom fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' sigurtà li jikkonċernaw is-Sistemi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni (SKI) li jittrattaw u li jaħżnu kemm IKUE kif ukoll informazzjoni mhux klassifikata bil-għan li jiġi ggarantit skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Or. en

Emenda 74
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) L-informazzjoni miżmuma mill-entitajiet tal-Unjoni hija wkoll skambjata

permezz tal-ambjent tal-ICT, fl-edifiċji tagħhom jew permezz ta' assi virtwali, prodotti tal-ICT, servizzi tal-ICT u proċessi tal-ICT, kif ukoll networks u sistemi ta' informazzjoni, kemm jekk huma proprjetà ta' entità tal-Unjoni u operati minnha, kemm jekk huma ospitati jew operati minn parti terza, inkluż tagħmir mobbli, networks korporattivi, u networks tan-negozju mhux konnessi mal-internet u kwalunkwe tagħmir konness mal-ambjent tal-ICT.

Or. en

Emenda 75
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Barra minn hekk, il-kondiviżjoni ta' IKUE bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi jenħtieġ li jiġu regolati wkoll minn miżuri ta' sigurtà xierqa ***għall-protezzjoni ta' dik l-informazzjoni***. Fejn ikunu previsti ftehimiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 tat-Trattat.	(25) Barra minn hekk, il-kondiviżjoni ta' IKUE bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' pajjiżi terzi jenħtieġ li jiġu regolati wkoll minn miżuri ta' sigurtà xierqa ***għall-iskambju u l-ħżin sabiex jiġu żgurat l-istess livell ta' protezzjoni għal tali informazzjoni***. Fejn ikunu previsti ftehimiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 76
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-ftehimiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni huma maħsuba biex jiżguraw il-qafas ġuridiku ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, huwa meħtieġ ukoll li tiġi prevista l-possibbiltà li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ***jidħlu f'arranġamenti*** amministrattivi ma' kontroparti speċifika ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali għall-fini tal-iskambju ta' IKUE.	(26) Il-ftehimiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni huma maħsuba biex jiżguraw il-qafas ġuridiku ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, huwa meħtieġ ukoll li tiġi prevista l-possibbiltà li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ***jagħmlu arranġamenti*** amministrattivi ma' kontroparti speċifika ta' pajjiż terz jew ***ta'*** organizzazzjoni internazzjonali għall-fini tal-iskambju ta' IKUE ***kemm permezz tal-iskambju kif ukoll permezz tal-ħżin sikur tad-data***.

Or. en

Emenda 77
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għall-istituzzjonijiet u għall-korpi kollha tal-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***sett minimu ta'*** regoli ***komuni u uniformi*** dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għall-istituzzjonijiet u għall-korpi kollha tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 78
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess

għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kif minqux fl-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Xejn f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar IKUE, ma jista' jintuża biex jirrestrinġi d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni lil hinn mir-restrizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli dwar tali aċċess.

Or. en

Emenda 79
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u ma għandux jolqot l-applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 80
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-modalitajiet ta' aċċess għall-informazzjoni applikabbli

għall-Membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Membri tal-Parlament Ewropew, il-Membri tal-Kummissjoni, ir-Rappreżentanti tal-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri. B'mod partikolari, fid-dawl tal-prerogattivi u tal-kompetenzi tal-Parlament, il-Membri tal-Parlament Ewropew li ma ngħatawx awtorizzazzjoni ta' sigurtà personali għandhom jingħataw aċċess għall-informazzjoni klassifikata tal-UE fl-ambitu ta' arranġamenti prattiċi definiti bi qbil komuni, inkluż l-iffirmar ta' dikjarazzjoni solenni li ma jiżvelawx il-kontenut ta' dawk id-dokumenti lil xi terza persuna.

Or. en

Emenda 81
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament (Euratom) Nru 3/1958[1], ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[2], ir-Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) Nru 354/83[5], ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], ir-Regolament (UE, Euratom) Nru

2023/2841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 82
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tliet livelli ta' informazzjoni mhux klassifikata: l-użu pubbliku, ***normali u sensittiv*** mhux klassifikat;	(a) tliet livelli ta' informazzjoni mhux klassifikata: l-użu pubbliku, ***ta' ħidma u protett*** mhux klassifikat; *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET, TRES SECRET UE/EU TOP SECRET biss jissejħu "sensittivi" fl-Artikolu 9 tar-Regolament 1049/2001. Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament 1049/2001, l-użu pubbliku għandu jitqies bħala "normali". Sabiex ma jkunx hemm konfużjoni, għandha tintuża terminoloġija differenti.

Emenda 83
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***tliet*** livelli ta' informazzjoni mhux klassifikata: l-użu pubbliku***,*** normali ***u sensittiv mhux klassifikat;***	(a) ***żewġ*** livelli ta' informazzjoni mhux klassifikata: l-użu pubbliku ***u*** normali

Or. en

Emenda 84
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***erba'*** livelli ta' informazzjoni klassifikata tal-UE: ***RESTREINT UE/EU RESTRICTED,*** CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET, TRES SECRET UE/EU TOP SECRET.	(b) ***tliet*** livelli ta' informazzjoni klassifikata tal-UE: CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET, TRES SECRET UE/EU TOP SECRET. *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. l-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Emenda 85
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dawn il-livelli huma bbażati fuq id-dannu li d-divulgazzjoni mhux awtorizzata tista' tikkawża lill-interessi ***privati u*** pubbliċi leġittimi, inklużi dawk tal-Unjoni, tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' partijiet ikkonċernati oħra, sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati l-miżuri protettivi xierqa.	3. Dawn il-livelli huma bbażati fuq id-dannu li d-divulgazzjoni mhux awtorizzata tista' tikkawża lill-interessi pubbliċi leġittimi, inklużi dawk tal-Unjoni, tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' partijiet ikkonċernati oħra, sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati l-miżuri protettivi xierqa.

Or. en

Emenda 86
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "sigurtà tal-informazzjoni" tfisser l-iżgurar tal-awtentiċità, tad-disponibbiltà, tal-kunfidenzjalità, tal-integrità u nonripudju tal-informazzjoni;	(b) "sigurtà tal-informazzjoni" tfisser l-iżgurar tal-awtentiċità, tad-disponibbiltà, tal-kunfidenzjalità, tal-integrità ***fi ħdan soluzzjoni Ewropea ta' ħżin sikur*** u nonripudju tal-informazzjoni;

Or. en

Emenda 87
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "ħżin" tfisser l-att li tinżamm l-informazzjoni fuq kwalunkwe mezz biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tagħha għal użu futur;	(d) "ħżin" tfisser l-att li tinżamm l-informazzjoni fuq kwalunkwe mezz ***sigur Ewropew*** biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tagħha għal użu futur***, u n-noninterferenza minn barra***;

Or. en

Emenda 88
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "sistema ta' komunikazzjoni u informazzjoni" jew "SKI" tfisser kwalunkwe sistema li tippermetti t-trattament u l-ħżin ta' informazzjoni f'forma elettronika, inklużi l-assi kollha meħtieġa għall-operat tagħha;	(k) "sistema ta' komunikazzjoni u informazzjoni" jew "SKI" tfisser kwalunkwe sistema***, preferibbilment Ewropea,*** li tippermetti t-trattament u l-ħżin ta' informazzjoni f'forma elettronika, inklużi l-assi kollha meħtieġa għall-operat tagħha;

Or. en

Emenda 89
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "ħtieġa ta' għarfien" tfisser il-ħtieġa li individwu jaċċessa informazzjoni speċifikata trattata jew maħżuna minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni sabiex iwettaq il-kompiti ta' dik l-istituzzjoni jew korp partikolari tal-Unjoni;	(r) "ħtieġa ta' għarfien" tfisser il-ħtieġa li individwu jaċċessa informazzjoni speċifikata trattata jew maħżuna minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni sabiex iwettaq il-kompiti ***professjonali uffiċjali*** ta' dik l-istituzzjoni jew korp partikolari tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 90
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt r – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(i) Id-deċiżjoni li persuna tiġi awtorizzata taċċessa informazzjoni fuq bażi ta' ħtieġa ta' għarfien issir fuq bażi ta' każ b'każ minn kull entità tal-UE, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-approvazzjoni, supplimentata fejn meħtieġ b'riferiment lill-Istat Membru ta' residenza tal-persuna li għandha tiġi approvata; l-Istati Membri jinvolvu s-servizzi tal-intelligence tagħhom f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħhom skont il-livell ta' informazzjoni kkonċernata;

Or. en

Emenda 91
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt af

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(af) "detentur" tfisser individwu debitament awtorizzat bi ħtieġa ta' għarfien stabbilita, li jkun fil-pussess ta' kwalunkwe oġġett ta' informazzjoni li jkun jeħtieġ il-protezzjoni, u li huwa għaldaqstant responsabbli sabiex jipproteġih;	(af) "detentur" tfisser individwu debitament awtorizzat ***mill-entità Ewropea tiegħu b'kooperazzjoni mal-Istati Membri*** bi ħtieġa ta' għarfien stabbilita, li jkun fil-pussess ta' kwalunkwe oġġett ta' informazzjoni li jkun jeħtieġ il-protezzjoni, u li huwa għaldaqstant responsabbli sabiex jipproteġih;

Or. en

Emenda 92
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ai

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ai) "awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE" tfisser deċiżjoni minn Awtorità ta' Sigurtà li uffiċjal, impjegat ieħor jew espert nazzjonali sekondat ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jista' jingħata aċċess għal IKUE sa livell speċifikat għal perjodu ta' żmien stabbilit;	(ai) "awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE" tfisser deċiżjoni minn Awtorità ta' Sigurtà***, wara l-verifika mal-awtoritajiet nazzjonali ta' stabbiliment jew anke l-Istat Membru ta' residenza,*** li uffiċjal, impjegat ieħor jew espert nazzjonali sekondat ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jista' jingħata aċċess għal IKUE sa livell speċifikat għal perjodu ta' żmien stabbilit;

Or. en

Emenda 93
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-nonkonformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-divulgazzjoni mhux awtorizzata ta' informazzjoni bil-livelli ta' kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 2(2), salv l-informazzjoni għall-użu pubbliku, għandha tkun soġġetta għal investigazzjoni u tista' twassal li l-persunal jinżamm responsabbli f'konformità mat-Trattati jew mar-regoli tal-persunal rilevanti.	2. In-nonkonformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-divulgazzjoni mhux awtorizzata ta' informazzjoni bil-livelli ta' kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 2(2), salv l-informazzjoni għall-użu pubbliku, għandha tkun soġġetta għal investigazzjoni u tista' twassal li l-persunal jinżamm responsabbli f'konformità mat-Trattati jew mar-regoli tal-persunal rilevanti. ***Kwalunkwe investigazzjoni jew żamma ta' responsabbiltà trid tqis id-dispożizzjonijiet dwar id-divulgazzjoni tal-fatti li jwasslu għal preżunzjoni tal-eżistenza ta' attività illegali possibbli, inklużi frodi jew korruzzjoni, li tkun ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni, jew ta' mġiba relatata mal-qadi ta' dmirijiet professjonali li tista' tikkostitwixxi nuqqas serju ta' konformità mal-obbligi professjonali, kif ukoll il-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 94
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jivvalutaw l-informazzjoni kollha li jittrattaw u jaħżnu sabiex jikkategorizzawha f'konformità mal-livelli ta' kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 2(2).	3. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tat-TFUE,*** l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jivvalutaw l-informazzjoni kollha li jittrattaw u jaħżnu sabiex jikkategorizzawha f'konformità mal-livelli ta' kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 2(2).

Or. en

Emenda 95
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi kklassifikata biss meta jkun strettament meħtieġ biex jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Il-livelli ta' klassifikazzjoni għandhom ikunu proporzjonati mas-sensittività tal-informazzjoni. Għandu jinżamm livell adegwat ta' trasparenza biex tiġi appoġġata r-responsabbiltà demokratika, filwaqt li jiġu evitati prattiki ta' klassifikazzjoni żejda li jistgħu jfixklu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 96
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ma għandhiex tintuża ħażin biex tillimita bla bżonn l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. Il-miżuri ta' klassifikazzjoni għandhom jiġu applikati strettament f'konformità mal-ħtiġijiet leġittimi tas-sigurtà identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskji għas-sigurtà tal-informazzjoni, u mhux bħala mezz biex jiġu evitati t-trasparenza, l-akkontabilità, jew l-iskrutinju pubbliku. Fis-salvagwardja tal-kunfidenzjalità, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu approċċ

ibbilanċjat li jirrispetta l-prinċipji tal-ftuħ u tad-dritt tal-pubbliku li jaċċessa l-informazzjoni kif minqux fit-Trattati.

Or. en

Emenda 97
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom b'mod gradwali u proporzjonat jadottaw arkitettura tas-sigurtà bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja żero.

Or. pt

Emenda 98
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju mill-inqas darba kull 5 snin għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni.	Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju mill-inqas darba kull 5 snin għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni. ***L-entitajiet tal-Unjoni għandhom, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ifasslu u jimplimentaw korsijiet ta' taħriġ effettivi u xierqa għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE, proporzjonati mar-riskji identifikati***

f'konformità mal-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 99
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju mill-inqas darba kull ***5 snin*** għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni.	Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju mill-inqas darba kull ***sentejn*** għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni. ***Għandu jiġi organizzat ukoll taħriġ speċjali fil-każ ta' kwalunkwe rivelazzjoni ta' data jew ksur tas-sigurtà tal-informazzjoni, u f'sitwazzjonijiet fejn bidliet teknoloġiċi rapidi u sinifikanti fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni jirrikjedu l-aġġornament immedjat tal-ħiliet tal-persunal.***

Or. fi

Emenda 100
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju ***mill-inqas*** darba kull 5 snin għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni	Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju ***fi żmien sitt xhur minn meta jieħdu l-kariga u mill-anqas*** darba kull 5 snin ***wara dan*** għall-individwi kollha awtorizzati biex

kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni.	jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 101
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju mill-inqas darba ***kull 5 snin*** għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni.	Istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni li jittrattaw u li jaħżnu IKUE għandhom jorganizzaw taħriġ obbligatorju mill-inqas darba ***fis-sena*** għall-individwi kollha awtorizzati biex jaċċessaw IKUE. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kkonċernati għandhom jorganizzaw taħriġ speċifiku għall-funzjonijiet speċifiċi fdati b'kompiti ta' sigurtà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 102
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jista' jikkoordina tali attivitajiet ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni ma' istituzzjonijiet u ma' korpi oħra tal-Unjoni.	Istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jista' jikkoordina tali attivitajiet ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni ma' istituzzjonijiet u ma' korpi oħra tal-Unjoni ***u mal-awtoritajiet tal-Istati Membri***.

Or. fi

Emenda 103
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi;

Or. en

Emenda 104
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-karatteristiċi tad-disinn tal-faċilitajiet jew tas-SKI, inkluż, b'mod partikolari, ir-rwol tas-sottokuntratturi fl-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' dawk il-faċilitajiet jew is-SKI;

Or. en

Emenda 105
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-persuni li jaċċessaw l-informazzjoni fuq il-post jew mill-bogħod;	(c) il-persuni li jaċċessaw l-informazzjoni fuq il-post jew mill-bogħod***, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-istituzzjoni jew il-korp***;

Or. en

Emenda 106
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) it-theddid immirat lejn l-Unjoni, lejn l-istituzzjonijiet u lejn il-korpi tal-Unjoni jew lejn l-Istati Membri miċ-ċiberattakki, mill-attakki fil-katina tal-provvista, mill-ispjunaġġ, mis-sabotaġġ, mit-terroriżmu, minn attivitajiet subversivi jew minn attivitajiet kriminali oħrajn;	(e) it-theddid immirat lejn l-Unjoni, lejn l-istituzzjonijiet u lejn il-korpi tal-Unjoni jew lejn l-Istati Membri miċ-ċiberattakki, mill-attakki fil-katina tal-provvista, mill-ispjunaġġ, mis-sabotaġġ, mit-terroriżmu, minn attivitajiet subversivi***, mill-inġinerija soċjali*** jew minn attivitajiet kriminali oħrajn;

Or. en

Emenda 107
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-kontinwità tal-operat u l-irkupru minn diżastri;	(f) il-kontinwità tal-operat***, il-ġestjoni tal-kriżijiet*** u l-irkupru minn diżastri;

Or. en

Emenda 108
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Id-dritt li wieħed jappella l-klassifikazzjoni tal-informazzjoni u l-aċċess għaliha
	1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tippreżenta talba għal aċċess għal

informazzjoni miżmuma minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni u li t-talba tagħha tiġi miċħuda għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità jew klassifikazzjoni tista' tippreżenta appell kontra dik id-deċiżjoni lill-President tal-istituzzjoni jew korp ikkonċernat.

2. Il-President għandu jiżgura li l-appell jiġi eżaminat kif xieraq, bl-għajnuna tas-servizzi kompetenti, biex jiġi ddeterminat jekk il-klassifikazzjoni tal-informazzjoni mitluba tikkonformax mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Il-President għandu jadotta deċiżjoni motivata fi żmien 3 xhur, li jew tikkonferma l-klassifikazzjoni jew inkella tiddeċiedi li tagħti aċċess sħiħ jew parzjali għall-informazzjoni mitluba.

4. Jekk l-appell ta' min jagħmel it-talba jiġi miċħud, huwa għandu jkollu d-dritt li jfittex rimedju ġudizzjarju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattati.

5. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw li din il-proċedura ta' appell tkun trasparenti, aċċessibbli u kkomunikata b'mod ċar lill-pubbliku, u b'hekk tissalvagwardja kemm il-ħtieġa leġittima għas-sigurtà tal-informazzjoni kif ukoll id-dritt fundamentali ta' aċċess għall-informazzjoni.

Or. en

Emenda 109
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jimmonitorja l-konformità tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ma' dan ir-Regolament, kif ukoll mad-dokumenti ta' gwida stabbiliti skont il-

punt (c) permezz tal-adozzjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni annwali;

Or. en

Emenda 110
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ifassal pjan ta' koordinazzjoni għal sitwazzjonijiet fejn korp wieħed jew aktar jew istituzzjoni tal-Unjoni waħda jew aktar ikunu sofrew rivelazzjoni ta' data jew ksur tas-sigurtà tal-informazzjoni;

Or. fi

Emenda 111
Ana Miguel Pedro

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) Jiddefinixxi linji gwida komuni għall-implimentazzjoni ta' arkitettura fiduċja żero fl-istituzzjonijiet u fil-korpi tal-Unjoni, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u mal-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà, u jiżgura l-konsistenza mal-aħjar prattiki internazzjonali u mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Or. pt

Emenda 112

Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jiltaqa' minnufih fil-każ ta' rivelazzjoni ta' data jew hack ta' data serji f'korp wieħed jew aktar jew istituzzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni.

Or. fi

Emenda 113
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jkollu l-appoġġ amministrattiv ta' segretarjat permanenti pprovdut mill-Kummissjoni.	5. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jkollu l-appoġġ amministrattiv ta' segretarjat permanenti pprovdut ***b'mod konġunt*** mill-Kummissjoni ***u mill-Parlament***.

Or. en

Emenda 114
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jkollu l-appoġġ amministrattiv ta' segretarjat permanenti pprovdut mill-Kummissjoni.	5. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jkollu l-appoġġ amministrattiv ta' segretarjat permanenti ***konġunt*** pprovdut ***mill-Parlament u*** mill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 115
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Kull istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandu jkun irrappreżentat kif xieraq fil-Grupp ta' Koordinazzjoni u fejn applikabbli, fis-sottogruppi tematiċi.	6. Kull istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandu jkun irrappreżentat kif xieraq fil-Grupp ta' Koordinazzjoni u fejn applikabbli, fis-sottogruppi tematiċi. ***Il-ħatriet għandhom jistinkaw li jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri u rappreżentanza ġeografika ġusta.***

Or. en

Emenda 116
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sottogrupp dwar l-assigurazzjoni tal-informazzjoni;	(a) sottogrupp dwar l-assigurazzjoni ***u d-deklassifikazzjoni*** tal-informazzjoni;

Or. en

Emenda 117
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe SKI li tittratta u taħżen IKUE għandha tiġi akkreditata f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 5. Kwalunkwe SKI li tittratta u taħżen informazzjoni ***sensittiva mhux klassifikata*** għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi	2. Kwalunkwe SKI li tittratta u taħżen IKUE għandha tiġi akkreditata f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 5. Kwalunkwe SKI li tittratta u taħżen informazzjoni ***normali li jistħoqqilha kawtela partikolari, bħal perežempju data***

għal informazzjoni sensittiva mhux klassifikata fis-SKI stabbiliti fil-Kapitolu 4.	***personali,*** għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi ***għas-SKI*** stabbiliti fil-Kapitolu 4.

Or. en

Emenda 118
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-sottogrupp dwar l-assigurazzjoni tal-informazzjoni, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), għandu jkollu r-rwoli u r-responsabbiltajiet li ġejjin:	1. Is-sottogrupp dwar l-assigurazzjoni ***u d-deklassifikazzjoni*** tal-informazzjoni, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), għandu jkollu r-rwoli u r-responsabbiltajiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 119
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-għoti ta' gwida u l-aħjar prattiki dwar l-immarkar, it-trattament ***u l-ħżin*** ta' informazzjoni fis-SKI f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bord interistituzzjonali taċ-ċibersigurtà msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament UE [XXX] li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni;	(a) l-għoti ta' gwida u l-aħjar prattiki dwar l-immarkar, it-trattament***, il-ħżin u, fejn possibbli, d-deklassifikazzjoni*** ta' informazzjoni fis-SKI f'kooperazzjoni mill-qrib mal-bord interistituzzjonali taċ-ċibersigurtà msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament UE [XXX] li jistabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, fil-korpi, fl-uffiċċji u fl-aġenziji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 120

Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-istabbiliment ta' skema ta' metadata għall-marki u għall-informazzjoni teknika kollha meħtieġa biex tikkontribwixxi għal skambju ***interoperabbli u*** mingħajr xkiel ta' informazzjoni fost l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni***, meta jkunu qed jiġu interkonnessi s-SKI rispettivi tagħhom***;	(b) l-istabbiliment ta' skema ta' metadata għall-marki u għall-informazzjoni teknika kollha meħtieġa biex tikkontribwixxi għal skambju mingħajr xkiel ta' informazzjoni fost l-istituzzjonijiet u l-korpi ***kollha*** tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 121
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-utenti dwar il-livelli ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tista' tiġi trattata u maħżuna fi SKI. Meta SKI ***tittratta u taħżen diversi livelli ta' kunfidenzjalità***, għandhom ***jintużaw*** metadata u marki viżivi biex ***jiġi żgurat li tkun tista' ssir distinzjoni bejn il-livelli differenti***.	1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jinfurmaw lill-utenti dwar il-livelli ta' kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tista' tiġi trattata u maħżuna fi SKI. Meta SKI ***tipproċessa informazzjoni soġġetta għall-kunfidenzjalità***, għandhom ***jiġu applikati*** metadata u marki viżivi biex ***jindikaw il-livell ta' kunfidenzjalità b'mod ċar***.

Or. en

Emenda 122
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kriptaġġ ***ta' informazzjoni waqt il-mistrieħ u fi tranżitu***;	(d) kriptaġġ ***tal-informazzjoni minn tarf sa tarf fl-istadji kollha tal-proċessi rilevanti***;

Or. en

Emenda 123
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni tagħhom bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni mingħajr xkiel, inkluż permezz ta' skemi komuni ta' metadata u pjattaformi diġitali kondiviżi li jnaqqsu l-ostakli tekniċi jew proċedurali.

Or. en

Emenda 124
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom, sa fejn ikun possibbli, jagħmlu d-dokumenti aċċessibbli b'mod dirett għall-pubbliku f'forma elettronika jew permezz ta' reġistru f'konformità mar-regoli tal-istituzzjoni ikkonċernata u mal-Artikolu 12 tar-Regolament 1049/2001. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni tapplika għal dokumenti leġiżlattivi, jiġifieri dokumenti mfassla jew riċevuti

matul proċeduri għall-adozzjoni ta' atti li jorbtu legalment fl-Istati Membri jew għalihom.

Or. en

Emenda 125
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom, sa fejn ikun possibbli, jagħmlu d-dokumenti aċċessibbli b'mod dirett għall-pubbliku f'forma elettronika jew permezz ta' reġistru f'konformità mar-regoli tal-istituzzjoni ikkonċernata.

Or. en

Emenda 126
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jimmarkaw bi "PUBLIC USE" l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.	2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jimmarkaw bi "PUBLIC USE" l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. ***In-nuqqas ta' tali mmarkar ma għandux jagħti lok għal preżunzjoni li l-informazzjoni tkun ikklassifikata.***

Or. en

Emenda 127
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jiżguraw l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-użu pubbliku permezz ta' miżuri xierqa bbażati fuq il-ħtiġijiet tas-sigurtà tagħha.	3. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jiżguraw l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-użu pubbliku permezz ta' miżuri xierqa bbażati fuq il-ħtiġijiet tas-sigurtà tagħha. ***Huma għandhom jagħmlu xogħolhom bl-aktar mod miftuħ possibbli, u b'dan il-mod jippromwovu l-governanza tajba u jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva tas-soċjetà ċivili.***

Or. en

Emenda 128
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jiżguraw l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-użu pubbliku permezz ta' miżuri xierqa bbażati fuq il-ħtiġijiet ***tas-sigurtà tagħha***.	3. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni għandhom jiżguraw l-integrità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-użu pubbliku permezz ta' miżuri xierqa bbażati fuq il-ħtiġijiet ***ta' sigurtà tagħhom u filwaqt li jitqies id-dritt għall-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 129
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni ***normali***	Informazzjoni ***ta' ħidma***

Or. en

Emenda 130
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni maħsuba għall-użu minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet ***tagħha,*** li la ***hija sensittiva*** mhux klassifikata u lanqas għall-użu pubbliku***,*** għandha tkun ikkategorizzata ***u ttrattata*** u maħżuna bħala informazzjoni ***normali***. Din il-kategorija tkopri l-informazzjoni kollha dwar il-livell ta' ħidma ***normali*** pproċessata fl-istituzzjoni jew fil-korp tal-Unjoni kkonċernat.	1. L-informazzjoni maħsuba għall-użu minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet ***tagħhom*** li la ***tkun protetta*** mhux klassifikata u lanqas għall-użu pubbliku għandha tkun ikkategorizzata***, trattata*** u maħżuna bħala informazzjoni ***ta' ħidma***. Din il-kategorija tkopri l-informazzjoni kollha dwar il-livell ta' ħidma pproċessata fl-istituzzjoni jew fil-korp tal-Unjoni kkonċernat ***li għaliha ma huwa konċepibbli l-ebda interess pubbliku u li ma ġietx imfassla jew riċevuta matul proċeduri għall-adozzjoni ta' atti li huma legalment vinkolanti fl-Istati Membri jew għall-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 131
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni maħsuba għall-użu minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha, li la hija ***sensittiva mhux*** klassifikata u lanqas għall-użu pubbliku, għandha tkun ikkategorizzata u ttrattata u maħżuna bħala informazzjoni normali. ***Din*** il-kategorija ***tkopri l-informazzjoni kollha dwar il-livell ta' ħidma*** normali ***pproċessata fl-istituzzjoni jew fil-korp tal-Unjoni***	1. L-informazzjoni maħsuba għall-użu minn istituzzjoni jew minn korp tal-Unjoni fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha, li la hija klassifikata u lanqas għall-użu pubbliku, għandha tkun ikkategorizzata u ttrattata u maħżuna bħala informazzjoni normali. ***Fejn ikun meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-kompiti,*** il-kategorija ***informazzjoni*** normali ***tista' tinkludi data personali u informazzjoni oħra mhux***

kkonċernat.	***klassifikata li teħtieġ attenzjoni partikolari***.

Or. en

Emenda 132
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni normali tista' tiġi mmarkata viżwalment jew f'metadata fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn tkun kondiviża barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Il-marka "EU NORMAL" jew l-"isem jew l-akronimu tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni NORMAL" (aġġustata fuq bażi ta' każ b'każ) għandha tintuża f'dak il-każ.	2. L-informazzjoni normali tista' tiġi mmarkata viżwalment jew f'metadata fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn tkun kondiviża barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Il-marka "EU NORMAL" jew l-"isem jew l-akronimu tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni NORMAL" (aġġustata fuq bażi ta' każ b'każ) għandha tintuża f'dak il-każ. ***Meta l-informazzjoni jkun fiha data personali jew elementi sensittivi oħra, l-immarkar għandu jindika l-preżenza tagħhom u kwalunkwe rekwiżit ta' trattament speċifiku. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom japplikaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u proporzjonati biex jipproteġu l-informazzjoni normali, u jqisu s-sensittività tagħha u r-riskji involuti, inkluż iżda mhux limitat għal: kontroll tal-aċċess fuq bażi ta' ħtieġa ta' għarfien; l-awtentikazzjoni u l-awtorizzazzjoni; kriptaġġ jew psewdonimizzazzjoni meta tiġi maħżuna jew trażmessa; limiti taż-żamma u tħassir sigur; u rendikonti tar-reġistrazzjonijiet u tal-entrati.***

Or. en

Emenda 133
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni normali tista' tiġi mmarkata viżwalment jew f'metadata fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn tkun kondiviża barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Il-marka "EU NORMAL" jew l-"isem jew l-akronimu tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni NORMAL" (aġġustata fuq bażi ta' każ b'każ) għandha tintuża f'dak il-każ.	2. L-informazzjoni normali tista' tiġi mmarkata viżwalment jew f'metadata fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn tkun kondiviża barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Il-marka "EU NORMAL" jew l-"isem jew l-akronimu tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni NORMAL" (aġġustata fuq bażi ta' każ b'każ) għandha tintuża f'dak il-każ. ***In-nuqqas ta' tali mmarkar ma għandux jagħti lok għal preżunzjoni li l-informazzjoni tkun klassifikata.***

Or. en

Emenda 134
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni ***normali*** tista' tiġi mmarkata viżwalment jew f'metadata fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn tkun kondiviża barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Il-marka "EU ***NORMAL***" jew l-"isem jew l-akronimu tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni ***NORMAL***" (aġġustata fuq bażi ta' każ b'każ) għandha tintuża f'dak il-każ.	2. L-informazzjoni ***ta' ħidma*** tista' tiġi mmarkata viżwalment jew f'metadata fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-protezzjoni tagħha, b'mod partikolari fejn tkun kondiviża barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni. Il-marka "EU ***WORKING***" jew l-"isem jew l-akronimu tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni ***WORKING***" (aġġustata fuq bażi ta' każ b'każ) għandha tintuża f'dak il-każ.

Or. en

Emenda 135
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Informazzjoni normali għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom il-ħtieġa ta' għarfien.	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Informazzjoni normali għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom il-ħtieġa ta' għarfien.	***imħassar***

Or. en

Emenda 137
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Informazzjoni normali għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom il-ħtieġa ta' għarfien.	4. Informazzjoni normali għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkollhom il-ħtieġa ta' għarfien. ***Madankollu, meta l-informazzjoni ma tikkonċernax kwistjonijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari, din tista' tiġi skambjata mal-pubbliku jekk interess pubbliku prevalenti jiġġustifika l-iżvelar tagħha.***

Or. en

Emenda 138
Ioan-Rareş Bogdan

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-rifjut li tiġi pprovduta informazzjoni klassifikata bħala normali jrid jiġi ġġustifikat permezz ta' valutazzjoni tal-impatt jew permezz ta' rikors għal esperti approvati.

Or. ro

Emenda 139
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14	***imħassar***
Informazzjoni sensittiva mhux klassifikata	
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkategorizzaw, jittrattaw u jaħżnu bħala sensittiva mhux klassifikata l-informazzjoni kollha li ma hijiex ikklassifikata iżda li huma jridu jipproteġu minħabba obbligi legali jew minħabba l-ħsara li tista' tiġi kkawżata lill-interessi privati u pubbliċi leġittimi, inklużi dawk tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni, tal-Istati Membri jew tal-individwi bl-iżvelar mhux awtorizzat tagħha.	
2. Kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni għandu jidentifika informazzjoni sensittiva mhux klassifikata permezz ta' marka tas-sigurtà viżibbli u għandu	

jiddefinixxi l-istruzzjonijiet ta' trattament korrispondenti f'konformità mal-Anness I.

3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jipproteġu informazzjoni sensittiva mhux klassifikata billi japplikaw miżuri xierqa fir-rigward tat-trattament u l-ħżin tagħha. Tali informazzjoni tista' tkun magħmula disponibbli biss ġewwa l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni lil individwi bi ħtieġa ta' għarfien għat-twettiq tal-kompiti assenjati tagħhom.

4. Informazzjoni sensittiva mhux klassifikata għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom ħtieġa ta' għarfien filwaqt li jiġu rispettati l-istruzzjonijiet ta' trattament li jakkumpanjaw l-informazzjoni. Il-partijiet kollha involuti għandhom ikunu konxji tal-istruzzjonijiet xierqa għat-trattament.

Or. en

Emenda 140
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni ***sensittiva*** mhux klassifikata	Informazzjoni ***protetta*** mhux klassifikata

Or. en

Emenda 141
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkategorizzaw, jittrattaw u jaħżnu bħala sensittiva mhux klassifikata l-informazzjoni kollha li ma hijiex ikklassifikata iżda li huma jridu jipproteġu minħabba obbligi legali jew minħabba l-ħsara li tista' tiġi kkawżata lill-interessi ***privati u*** pubbliċi leġittimi, inklużi dawk tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni**,** tal-Istati Membri ***jew tal-individwi bl-iżvelar mhux awtorizzat*** tagħha.	1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkategorizzaw, jittrattaw u jaħżnu bħala sensittiva mhux klassifikata l-informazzjoni kollha li ma hijiex ikklassifikata iżda li huma jridu jipproteġu minħabba obbligi legali jew minħabba l-ħsara li tista' tiġi kkawżata lill-interessi pubbliċi leġittimi, inklużi dawk tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni ***jew*** tal-Istati Membri ***bid-divulgazzjoni mhux awtorizzata*** tagħha.

Or. en

Emenda 142
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Informazzjoni sensittiva mhux klassifikata għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom ħtieġa ta' għarfien filwaqt li jiġu rispettati l-istruzzjonijiet ta' trattament li jakkumpanjaw l-informazzjoni. Il-partijiet kollha involuti għandhom ikunu konxji tal-istruzzjonijiet xierqa għat-trattament.	4. Informazzjoni sensittiva mhux klassifikata għandha tiġi skambjata barra mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biss ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi li għandhom ħtieġa ta' għarfien filwaqt li jiġu rispettati l-istruzzjonijiet ta' trattament li jakkumpanjaw l-informazzjoni ***u r-rekwiżiti li jirriżultaw minn protezzjonijiet legali li jistgħu japplikaw fl-ambitu tal-paragrafu 1***. Il-partijiet kollha involuti għandhom ikunu konxji tal-istruzzjonijiet xierqa għat-trattament.

Or. en

Emenda 143
Ioan-Rareş Bogdan

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-rifjut li tingħata informazzjoni sensittiva mhux klassifikata lill-media, meta l-media titlob dan abbażi tal-missjoni pubblika tagħha u fit-twettiq tal-ħidma tagħha, irid jiġi ġġustifikat permezz ta' valutazzjoni tal-impatt jew permezz ta' rikors għal esperti approvati.

Or. ro

Emenda 144
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni ta' informazzjoni mhux klassifikata u ***interoperabilità***	Protezzjoni ta' informazzjoni mhux klassifikata u ***skambju tad-data***

Or. en

Emenda 145
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri għar-rapportar u għall-ġestjoni ta' kwalunkwe inċident jew inċident suspettat li jista' jwassal għal kompromess tas-sigurtà ta' informazzjoni mhux klassifikata.	1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu proċeduri ***uniformi*** għar-rapportar u għall-ġestjoni ta' kwalunkwe inċident jew inċident suspettat li jista' jwassal għal kompromess tas-sigurtà ta' informazzjoni mhux klassifikata.

Or. en

Emenda 146
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn meħtieġ, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jużaw il-marki previsti fl-Artikoli 12, 13 u 14. ***B'mod eċċezzjonali, jistgħu jintużaw marki ekwivalenti oħra internament u fir-rigward tal-kontropartijiet partikolari tagħhom minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni jew mill-Istati Membri, meta l-partijiet kollha jaqblu. Tali eċċezzjoni għandha tiġi nnotifikata lis-sottogrupp dwar informazzjoni mhux klassifikata, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1).***	2. Fejn meħtieġ, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jużaw il-marki previsti fl-Artikoli 12, 13 u 14.

Or. en

Emenda 147
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn meħtieġ, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jużaw il-marki previsti fl-Artikoli 12***, 13 u 14***. B'mod eċċezzjonali, jistgħu jintużaw marki ekwivalenti oħra internament u fir-rigward tal-kontropartijiet partikolari tagħhom minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni jew mill-Istati Membri, meta l-partijiet kollha jaqblu. Tali eċċezzjoni għandha tiġi nnotifikata lis-sottogrupp dwar informazzjoni mhux klassifikata, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1).	2. Fejn meħtieġ, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jużaw il-marki previsti fl-Artikoli 12 ***u 13***. B'mod eċċezzjonali, jistgħu jintużaw marki ekwivalenti oħra internament u fir-rigward tal-kontropartijiet partikolari tagħhom minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni jew mill-Istati Membri, meta l-partijiet kollha jaqblu. Tali eċċezzjoni għandha tiġi nnotifikata lis-sottogrupp dwar informazzjoni mhux klassifikata, kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1).

Or. en

Emenda 148
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji kuntrattwali biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni mhux klassifikata ***normali u sensittiva*** pproċessata minn servizzi esternalizzati. Is-salvagwardji għandhom jitfasslu biex jiggarantixxu mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak ipprovdut minn dan ir-Regolament, u għandhom jinkludu impenji ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni li għandhom jiġu ffirmati mill-fornituri ta' servizzi rilevanti kollha involuti fil-provvista tas-sistemi esternalizzati.	3. Għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji kuntrattwali biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni mhux klassifikata ***tax-xogħol u protetta*** pproċessata minn servizzi esternalizzati. Is-salvagwardji għandhom jitfasslu biex jiggarantixxu mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak ipprovdut minn dan ir-Regolament, u għandhom jinkludu impenji ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni li għandhom jiġu ffirmati mill-fornituri ta' servizzi rilevanti kollha involuti fil-provvista tas-sistemi esternalizzati.

Or. en

Emenda 149
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji kuntrattwali biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni ***mhux klassifikata*** normali ***u sensittiva*** pproċessata minn servizzi esternalizzati. Is-salvagwardji għandhom jitfasslu biex jiggarantixxu mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak ipprovdut minn dan ir-Regolament, u għandhom jinkludu impenji ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni li għandhom jiġu ffirmati mill-fornituri ta' servizzi rilevanti kollha involuti fil-provvista tas-sistemi esternalizzati.	3. Għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji kuntrattwali biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni normali pproċessata minn servizzi esternalizzati. Is-salvagwardji għandhom jitfasslu biex jiggarantixxu mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak ipprovdut minn dan ir-Regolament, u għandhom jinkludu impenji ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni li għandhom jiġu ffirmati mill-fornituri ta' servizzi rilevanti kollha involuti fil-provvista tas-sistemi esternalizzati.

Or. en

Emenda 150
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***iħejji*** struzzjonijiet għat-trattament ***għal-livelli differenti ta' kunfidenzjalità ta' informazzjoni*** mhux klassifikata;	(c) ***it-tħejjija ta'*** struzzjonijiet għat-trattament ***għall-informazzjoni*** mhux klassifikata;

Or. en

Emenda 151
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jassisti*** lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni fl-istabbiliment tal-ekwivalenza bejn il-kategoriji partikolari tagħhom ta' informazzjoni mhux klassifikata u dawk previsti fl-Artikoli 12***, 13 u 14***;	(d) ***l-assistenza*** lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni fl-istabbiliment tal-ekwivalenza bejn il-kategoriji partikolari tagħhom ta' informazzjoni mhux klassifikata u dawk previsti fl-Artikoli 12 ***u 13***;

Or. en

Emenda 152
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***jiffaċilita l-kondiviżjoni*** ta' informazzjoni mhux klassifikata bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, billi	(e) ***il-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni*** ta' informazzjoni mhux klassifikata bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, ***u mal-partijiet terzi meta jkun il-każ,*** billi

jipprovdi assistenza u gwida.	***tingħata*** assistenza u gwida.

Or. en

Emenda 153
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trattament u l-ħżin ta' informazzjoni ***sensittiva mhux klassifikata*** fis-SKI	It-trattament u l-ħżin ta' informazzjoni ***normali*** fis-SKI

Or. en

Emenda 154
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw li s-SKI jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi li ġejjin meta jittrattaw u jaħżnu informazzjoni ***sensittiva mhux klassifikata***:	1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiżguraw li s-SKI jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi li ġejjin meta jittrattaw u jaħżnu informazzjoni ***normali***:

Or. en

Emenda 155
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-metadata ***interoperabbli*** għandha tintuża biex tirreġistra l-livell ta'	(e) il-metadata ***skambjata*** għandha tintuża biex tirreġistra l-livell ta'

kunfidenzjalità tad-dokumenti elettroniċi u biex tiffaċilita l-awtomatizzazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà;	kunfidenzjalità tad-dokumenti elettroniċi u biex tiffaċilita l-awtomatizzazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà;

Or. en

Emenda 156
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-miżuri għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni ta' rivelazzjonijiet ta' data għandhom jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni ***sensittiva mhux klassifikata***;	(f) il-miżuri għall-prevenzjoni u għall-identifikazzjoni ta' rivelazzjonijiet ta' data għandhom jiġu implimentati mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni biex tiġi protetta l-informazzjoni ***normali***;

Or. en

Emenda 157
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà bbażati fuq il-prinċipji tal-ħtieġa ta' għarfien u fiduċja żero sabiex jiġi minimizzat l-aċċess għal informazzjoni sensittiva mhux klassifikata minn fornituri tas-servizzi u minn kuntratturi.	(h) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà bbażati fuq il-prinċipji tal-ħtieġa ***rigoruża*** ta' għarfien u fiduċja żero sabiex jiġi minimizzat l-aċċess għal informazzjoni sensittiva mhux klassifikata minn fornituri tas-servizzi u minn kuntratturi.

Or. en

Emenda 158
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà bbażati fuq il-prinċipji tal-ħtieġa ta' għarfien u fiduċja żero sabiex jiġi minimizzat l-aċċess għal informazzjoni ***sensittiva mhux klassifikata*** minn forniturituri tas-servizzi u minn kuntratturi.	(h) l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà bbażati fuq il-prinċipji tal-ħtieġa ta' għarfien u fiduċja żero sabiex jiġi minimizzat l-aċċess għal informazzjoni ***normali*** minn forniturituri tas-servizzi u minn kuntratturi.

Or. en

Emenda 159
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deroga mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mil-livell xieraq ta' amministrazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li tkopri r-riskji legali u tekniċi għas-sigurtà tal-informazzjoni ***sensittiva mhux klassifikata***.	2. Kwalunkwe deroga mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mil-livell xieraq ta' amministrazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li tkopri r-riskji legali u tekniċi għas-sigurtà tal-informazzjoni ***normali***.

Or. en

Emenda 160
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) RESTREINT UE/EU RESTRICTED: informazzjoni u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista'	***imħassar***

jkun ta' żvantaġġ għall-interessi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 161
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jadotta dokumenti ta' gwida dwar il-ħolqien u l-klassifikazzjoni ta' IKUE.	2. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni għandu jadotta dokumenti ta' gwida dwar il-ħolqien u l-klassifikazzjoni ta' IKUE. ***Tali dokumenti għandhom iqisu kemm il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tal-użu ta' informazzjoni klassifikata kif ukoll ir-riskju ta' klassifikazzjoni żejda ta' ċerti dokumenti, u għandhom jinkludu regoli dwar il-valutazzjoni u l-ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-informazzjoni u l-materjal, bil-għan li tiżdied it-trasparenza u jiġu evitati effetti ta' intrappolament mhux ġustifikati.***

Or. en

Emenda 162
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Kull entità tal-Unjoni tibqa' s-sid tal-informazzjoni tagħha u għandha l-aħħar kelma biex topponi t-trasferiment tagħha;

Or. en

Emenda 163
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Or. en

Emenda 164
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) pjanijiet ta' kontinġenza biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-IKUE ***matul l-emerġenzi***;	(a) pjanijiet ta' kontinġenza biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-IKUE ***fl-eventwalità ta' rivelazzjonijiet ta' data u ksur tas-sigurtà tal-informazzjoni u fi kwalunkwe emerġenza oħra***;

Or. fi

Emenda 165
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Att jew ommissjoni ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jew ta' individwu, li ***tikser*** dan ir-Regolament, ***għandha titqies*** bħala ksur tas-sigurtà.	1. ***Kwalunkwe*** att jew ommissjoni ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni jew ta' individwu, li ***jiksru*** dan ir-Regolament, ***għandhom jitqiesu*** bħala ksur tas-sigurtà.

Or. en

Emenda 166
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinforma lill-oriġinatur;	(a) jinforma lill-oriġinatur ***mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tlett ijiem wara li l-Awtorità ta' Sigurtà tkun ġiet infurmata bil-ksur***;

Or. en

Emenda 167
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżgura li l-każ jiġi investigat minn persunal li ma jkunx ikkonċernat direttament bil-ksur sabiex jistabbilixxi l-fatti;	(b) jiżgura li l-każ jiġi investigat ***bir-reqqa*** minn persunal li ma jkunx ikkonċernat direttament bil-ksur sabiex jistabbilixxi l-fatti;

Or. en

Emenda 168
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-kompromess ***attwali*** jew potenzjali u bl-azzjoni meħuda.	(e) jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-kompromess ***reali*** jew potenzjali u bl-azzjoni meħuda ***mingħajr dewmien bla bżonn, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn tlett ijiem wara li l-Awtorità ta' Sigurtà tkun ġiet infurmata***

bil-ksur.

Or. en

Emenda 169
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk is-sigurtà tad-data personali tkun ġiet kompromessa b'rabta ma' ksur tas-sigurtà tal-informazzjoni, il-kwistjoni trid tiġi rrapportata immedjatament, f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, lill-awtorità għall-protezzjoni tad-data tal-Istat Membru u lill-individwi li d-data personali tagħhom tkun ġiet rivelata.

Or. fi

Emenda 170
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għal informazzjoni kklassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, l-individwi ngħataw approvazzjoni għas-sigurtà u ġew awtorizzati fil-livell rilevanti**.**	(c) għal informazzjoni kklassifikata CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla, l-individwi ngħataw approvazzjoni għas-sigurtà u ġew awtorizzati fil-livell rilevanti***, wara konsultazzjoni tas-servizzi ta' intelligence tagħhom bi qbil mar-regoli nazzjonali rispettivi;***

Or. en

Emenda 171
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom iqisu l-lealtà, l-affidabbiltà u d-dependibbiltà ta' individwu kif stabbilit permezz ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettqa ***mill-awtoritajiet*** kompetenti tal-Istat Membru ***li tiegħu l-applikant huwa ċittadin jew persuna nazzjonali***.	2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom iqisu l-lealtà, l-affidabbiltà u d-dependibbiltà ta' individwu kif stabbilit permezz ta' investigazzjoni tas-sigurtà mwettqa ***mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet*** kompetenti tal-Istat Membru ***rilevanti. Il-Kummissjoni tista' tikkoopera wkoll ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom l-Unjoni għandha ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 172
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jaċċettaw approvazzjonijiet għas-sigurtà minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom l-Unjoni għandha ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 173
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jaċċettaw approvazzjonijiet għas-sigurtà minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom l-Unjoni għandha ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.	3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jaċċettaw approvazzjonijiet għas-sigurtà minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom l-Unjoni għandha ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni***, dment li l-verifika ssir bl-istess livell ta' garanzija ta' sigurtà bħal fl-Istati Membri tal-UE***.

Or. en

Emenda 174
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jaċċettaw approvazzjonijiet għas-sigurtà minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom l-Unjoni għandha ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni.	3. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jaċċettaw approvazzjonijiet għas-sigurtà minn pajjiżi terzi u minn organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom l-Unjoni għandha ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni. ***Għandhom jiżguraw, fi kwalunkwe każ, li l-prinċipji msemmijin il-paragrafi 1 u 2 jiġu rispettati.***

Or. en

Emenda 175
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ***jistgħu*** jiġġestixxu l-proċessi ta' awtorizzazzjoni b'mod awtonomu ***jew***	L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jiġġestixxu l-proċessi ta' awtorizzazzjoni b'mod awtonomu.

ifittxu Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz ("FLS") mal-Kummissjoni għal finijiet ta' approvazzjoni tas-sigurtà.

Or. en

Emenda 176
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġi konkluż FLS, l-Awtorità ta' Sigurtà tal-Kummissjoni għandha tkun il-punt ta' kuntatt bejn l-uffiċċji tas-sigurtà tal-istituzzjoni u l-korp tal-Unjoni kkonċernati u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kwistjonijiet ta' approvazzjoni tas-sigurtà.	***imħassar***

Or. en

Emenda 177
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġi konkluż FLS, l-Awtorità ta' Sigurtà tal-Kummissjoni għandha tkun il-punt ta' kuntatt bejn l-uffiċċji tas-sigurtà tal-istituzzjoni u l-korp tal-Unjoni kkonċernati u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kwistjonijiet ta' approvazzjoni tas-sigurtà.	***imħassar***

Or. en

Emenda 178
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ***li jikkonkludu FLS mal-Kummissjoni*** għandhom jagħmlu r-rekords rilevanti disponibbli għall-Awtorità ta' Sigurtà tal-Kummissjoni rigward bħala minimu l-livell ta' IKUE li l-individwu jista' jingħata aċċess għaliha, id-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-IKUE u l-perjodu ta' validità tagħha. Dawk ir-rekords għandhom ikunu aċċessibbli għal istituzzjonijiet u għal korpi oħrajn tal-Unjoni ***b'FLS***, fejn iġġustifikat.	6. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jagħmlu r-rekords rilevanti disponibbli għall-Awtorità ta' Sigurtà tal-Kummissjoni rigward bħala minimu l-livell ta' IKUE li l-individwu jista' jingħata aċċess għaliha, id-data tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-IKUE u l-perjodu ta' validità tagħha. Dawk ir-rekords għandhom ikunu aċċessibbli għal istituzzjonijiet u għal korpi oħrajn tal-Unjoni, fejn iġġustifikat.

Or. en

Emenda 179
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtorità ta' Sigurtà ta' kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni għandha tkun responsabbli għall-għoti, għas-sospensjoni, għall-irtirar u għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għal IKUE għall-persunal tagħha.	3. L-Awtorità ta' Sigurtà ta' kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni għandha tkun responsabbli għall-għoti, għas-sospensjoni, għall-irtirar u għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għal IKUE għall-persunal tagħha***, b'mod konġunt mal-awtoritajiet nazzjonali, anki fil-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-informazzjoni***.

Or. en

Emenda 180

Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat fl-interessi tas-servizz u sakemm titlesta investigazzjoni sħiħa dwar is-sigurtà, l-Awtorità ta' Sigurtà ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni tista' tagħti awtorizzazzjoni temporanja lill-individwi biex jaċċessaw IKUE għal kariga speċifika, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-IKUE u malli ssir verifika mill-Awtorità Nazzjonali tas-Sigurtà kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 181
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat fl-interessi tas-servizz u sakemm titlesta investigazzjoni sħiħa dwar is-sigurtà, l-Awtorità ta' Sigurtà ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni tista' tagħti awtorizzazzjoni temporanja lill-individwi biex jaċċessaw IKUE għal kariga speċifika, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-IKUE ***u malli ssir verifika mill-Awtorità Nazzjonali tas-Sigurtà kompetenti***.	4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ikun debitament ġustifikat fl-interessi tas-servizz u sakemm titlesta investigazzjoni sħiħa dwar is-sigurtà, l-Awtorità ta' Sigurtà ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni tista' tagħti awtorizzazzjoni temporanja lill-individwi biex jaċċessaw IKUE għal kariga speċifika, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-IKUE.

Or. en

Emenda 182
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE sal-livell speċifikat għandha tkun valida ***fi kwalunkwe*** istituzzjoni ***jew korp tal-Unjoni li għalih ikun*** assenjat l-individwu.	1. Awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE sal-livell speċifikat għandha tkun valida ***f'dik l-unika*** istituzzjoni ***li għaliha jkun*** assenjat l-individwu ***fi żmien il-ħruġ u għal ambitu u tul ta' żmien definiti***.

Or. en

Emenda 183
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jaċċettaw awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għal IKUE mogħtija minn istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni.	2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jaċċettaw awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għal IKUE mogħtija minn istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni ***fuq bażi ta' każ b'każ filwaqt li jinfurzaw b'mod rigoruż l-prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien u dment li l-entità tal-UE li tkun is-sid tal-informazzjoni jkollha l-aħħar kelma biex toġġezzjona għat-trażmissjoni tagħha***.

Or. en

Emenda 184
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE jibda impjieg f'istituzzjoni jew f'korp ieħor tal-Unjoni, dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandu jinnotifika lill-ASN rilevanti bil-bidla tal-impjegatur, permezz tal-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 185
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta d-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE jibda impjieg f'istituzzjoni jew f'korp ieħor tal-Unjoni, dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandu jinnotifika lill-ASN rilevanti bil-bidla tal-impjegatur, permezz tal-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti.	3. Meta d-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-aċċess għal IKUE jibda impjieg f'istituzzjoni jew f'korp ieħor tal-Unjoni, dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni għandu***, mingħajr dewmien żejjed,*** jinnotifika lill-ASN rilevanti bil-bidla tal-impjegatur, permezz tal-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti.

Or. en

Emenda 186
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Sigurtà ta' istituzzjoni jew ta' korp tal-Unjoni għandha tinforma lill-individwi kollha li jkunu jridu li jkollhom aċċess għal IKUE bi kwalunkwe theddida għas-sigurtà u bl-obbligu tagħhom li jirrapportaw	1. L-Awtorità ta' Sigurtà ta' istituzzjoni jew ta' korp tal-Unjoni għandha tinforma lill-individwi kollha li jkunu jridu li jkollhom aċċess għal IKUE bi kwalunkwe theddida għas-sigurtà u bl-obbligu tagħhom li jirrapportaw

kwalunkwe attività suspettuża. Il-briefing għandu jsir qabel ma jingħata aċċess għal IKUE u mill-inqas kull ***5 snin*** minn hemm ’il quddiem.	kwalunkwe attività suspettuża. Il-briefing għandu jsir qabel ma jingħata aċċess għal IKUE u mill-inqas kull ***sentejn*** minn hemm ’il quddiem***, kif ukoll fl-eventwalità li xi rivelazzjoni ta’ data u ksur tas-sigurtà tal-informazzjoni u f’sitwazzjonijiet li fihom tibdil teknoloġiku rapidu u sinifikanti fil-qasam tas-sigurtà tal-informazzjoni jeħtieġ l-aġġornament immedjat tal-ħiliet tal-persunal***.
	Or. fi

Emenda 187
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta’ Sigurtà ta’ istituzzjoni jew ta’ korp tal-Unjoni għandha tinforma lill-individwi kollha li jkunu jridu li jkollhom aċċess għal IKUE bi kwalunkwe theddida għas-sigurtà u bl-obbligu tagħhom li jirrapportaw kwalunkwe attività suspettuża. Il-briefing għandu jsir qabel ma jingħata aċċess għal IKUE u mill-inqas kull ***5 snin*** minn hemm ’il quddiem.	1. L-Awtorità ta’ Sigurtà ta’ istituzzjoni jew ta’ korp tal-Unjoni għandha tinforma lill-individwi kollha li jkunu jridu li jkollhom aċċess għal IKUE bi kwalunkwe theddida għas-sigurtà u bl-obbligu tagħhom li jirrapportaw kwalunkwe attività suspettuża. Il-briefing għandu jsir qabel ma jingħata aċċess għal IKUE u mill-inqas kull ***sena*** minn hemm ’il quddiem.
	Or. en

Emenda 188
Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu miżuri ta’ sigurtà fiżika għas-siti kollha fejn tiġi	2. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu miżuri ta’ sigurtà fiżika***, anki bl-assistenza tal-***

diskussa, maħżuna jew trattata IKUE, inklużi oqsma li fihom sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni kif imsemmi fit-Taqsima 5 ta' dan il-Kapitolu.	***awtoritajiet nazzjonali,*** għas-siti kollha fejn tiġi diskussa, maħżuna jew trattata IKUE, inklużi oqsma li fihom sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni kif imsemmi fit-Taqsima 5 ta' dan il-Kapitolu.

Or. en

Emenda 189
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe istituzzjoni u korp tal-Unjoni li jkun l-oriġinatur ta' IKUE għandu jiddetermina l-klassifikazzjoni ta' sigurtà ta' dik l-informazzjoni mal-ħolqien tagħha u f'konformità mal-Artikolu 18(1).	2. Kwalunkwe istituzzjoni u korp tal-Unjoni li jkun l-oriġinatur ta' IKUE għandu jiddetermina l-klassifikazzjoni ta' sigurtà ***inizjali*** ta' dik l-informazzjoni mal-ħolqien tagħha u f'konformità mal-Artikolu 18(1).

Or. en

Emenda 190
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kull paġna għandha tkun immarkata b'mod ċar bil-livell ta' klassifikazzjoni;	(a) kull paġna għandha tkun immarkata b'mod ċar bil-livell ta' klassifikazzjoni ***u d-durata tal-klassifikazzjoni***;

Or. en

Emenda 191
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kontroll tal-oriġinatur	***Opinjoni*** tal-oriġinatur

Or. en

Emenda 192
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni:	1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. ***L-oriġinatur jista' jikkonsulta lir-riċevituri maħsuba rigward il-livell ta' klassifikazzjoni ta' dokument b'IKUE, b'mod partikolari fil-każ ta' kwalunkwe dubju dwar in-natura kunfidenzjali ta' oġġett ta' informazzjoni u l-livell xieraq ta' klassifikazzjoni tiegħu, u biex tiġi evitata l-klassifikazzjoni żejda ta' tali dokumenti. Għall-finijiet tad-disseminazzjoni inizjali ta' dokument b'IKUE, l-oriġinatur għandu jqis id-drittijiet u l-obbligi tar-riċevituri tal-informazzjoni li jirriżultaw mit-Trattati.*** Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni:

Or. en

Emenda 193
Sigrid Friis

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, ***il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni***:	1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, ***l-oriġinatur jista' jipprovdi opinjoni dwar l-azzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitqiesu b'mod debitu mill-istituzzjoni jew mill-korp tal-Unjoni detenturi tal-informazzjoni***:

Or. en

Emenda 194
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni:	1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE ***kklassifikat CONFIDENTIEL UE/EU-CONFIDENTIAL jew ogħla*** għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni ***inizjali*** tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni:

Or. en

Emenda 195

Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Petra Steger, Susanna Ceccardi, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni:	1. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li taħt l-awtorità tiegħu jinħoloq dokument b'IKUE għandu jkollu kontroll tal-oriġinatur fuq dak id-dokument. L-oriġinatur għandu jiddetermina l-livell ta' klassifikazzjoni tad-dokument u għandu ***jieħu d-deċiżjonijiet u*** jkun responsabbli għad-disseminazzjoni inizjali tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 1049/2001, il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur għandu jinkiseb qabel ma l-informazzjoni:

Or. en

Emenda 196
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikkopjata u tradotta fil-każ tal-livell TRES SECRET-UE/EU-TOP SECRET.	***imħassar***

Or. en

Emenda 197
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta istituzzjoni jew korp tal-

Unjoni ma jaqblux mar-rifjut li jingħata l-kunsens bil-miktub tal-oriġinatur, jistgħu jirrikorru għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fl-Artikolu 39a.

Or. en

Emenda 198
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-oriġinatur ta' dokument b'IKUE ma jkunx jista' jiġi identifikat, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li jkollhom dik l-informazzjoni klassifikata għandhom jeżerċitaw ***kontroll*** tal-oriġinatur.	2. Meta l-oriġinatur ta' dokument b'IKUE ma jkunx jista' jiġi identifikat, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni li jkollhom dik l-informazzjoni klassifikata għandhom jeżerċitaw ***l-opinjoni*** tal-oriġinatur.

Or. en

Emenda 199
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni għandha tibqa' klassifikata biss sakemm tibqa' tkun teħtieġ protezzjoni. L-IKUE li ma għadhiex teħtieġ il-klassifikazzjoni oriġinali għandha titnaqqas għal livell aktar baxx. IKUE li ma għadx hemm bżonn li titqies bħala klassifikata għandha tiġi deklassifikata.	1. L-informazzjoni għandha tibqa' klassifikata biss sakemm tibqa' tkun teħtieġ protezzjoni. L-IKUE li ma għadhiex teħtieġ il-klassifikazzjoni oriġinali għandha titnaqqas għal livell aktar baxx. IKUE li ma għadx hemm bżonn li titqies bħala klassifikata għandha tiġi deklassifikata. ***Kwalunkwe klassifikazzjoni għandha tiġi rieżaminata sa mhux aktar tard minn sena wara l-ħolqien tad-dokument u mbagħad kull sena. Fil-każ ta' dokumenti li jikkonċernaw proċess leġiżlattiv li jkun għaddej, din ir-reviżjoni***

għandha ssir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ħolqien tad-dokument u mbagħad kull xahrejn.

Or. en

Emenda 200
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-informazzjoni għandha tibqa' klassifikata biss sakemm tibqa' tkun teħtieġ protezzjoni. L-IKUE li ma għadhiex teħtieġ il-klassifikazzjoni oriġinali għandha titnaqqas għal livell aktar baxx. IKUE li ma għadx hemm bżonn li titqies bħala klassifikata għandha tiġi deklassifikata.	1. L-informazzjoni għandha tibqa' klassifikata biss sakemm tibqa' tkun teħtieġ protezzjoni. L-IKUE li ma għadhiex teħtieġ il-klassifikazzjoni oriġinali għandha titnaqqas għal livell aktar baxx. IKUE li ma għadx hemm bżonn li titqies bħala klassifikata għandha tiġi deklassifikata. ***Fil-każ ta' dokumenti li jikkonċernaw proċess leġiżlattiv li jkun għaddej, għandha ssir reviżjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ħolqien tad-dokument u mbagħad kull xahrejn sal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni.***

Or. en

Emenda 201
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-mument tal-ħolqien tal-IKUE, l-oriġinatur għandu jindika***, fejn possibbli, u b'mod partikolari għall-informazzjoni klassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED,*** jekk l-IKUE tistax tiġi mnaqqsa fil-grad jew deklassifikata f'data partikolari jew wara avveniment speċifiku.	2. Fil-mument tal-ħolqien tal-IKUE, l-oriġinatur għandu jindika jekk l-IKUE tistax tiġi mnaqqsa fil-grad jew deklassifikata f'data partikolari jew wara avveniment speċifiku.

Or. en

Emenda 202
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-mument tal-ħolqien tal-IKUE, l-oriġinatur għandu jindika***, fejn possibbli, u b'mod partikolari għall-informazzjoni klassifikata bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED,*** jekk l-IKUE tistax tiġi mnaqqsa fil-grad jew deklassifikata f'data partikolari jew wara avveniment speċifiku.	2. Fil-mument tal-ħolqien tal-IKUE, l-oriġinatur għandu jindika jekk l-IKUE tistax tiġi mnaqqsa fil-grad jew deklassifikata f'data partikolari jew wara avveniment speċifiku.

Or. en

Emenda 203
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni oriġinarju għandu jkun responsabbli biex jiddeċiedi jekk id-dokument b'IKUE jistax jiġi mnaqqas fil-grad jew deklassifikat. L-oriġinatur għandu jagħmel rieżami tal-informazzjoni u jivvaluta r-riskji b'mod regolari u tal-anqas kull ***ħames*** snin sabiex jiddetermina jekk il-livell oriġinali ta' klassifikazzjoni għadux xieraq.	3. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni oriġinarju għandu jkun responsabbli biex jiddeċiedi jekk id-dokument b'IKUE jistax jiġi mnaqqas fil-grad jew deklassifikat. L-oriġinatur għandu jagħmel rieżami tal-informazzjoni u jivvaluta r-riskji b'mod regolari u tal-anqas kull ***tliet*** snin sabiex jiddetermina jekk il-livell oriġinali ta' klassifikazzjoni għadux xieraq.

Or. en

Emenda 204
Daniel Freund

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni li jkollhom IKUE li ma jkunux l-oriġinaturi tiegħu ma għandhomx inaqqsu l-grad jew jiddeklassifikaw dak id-dokument, u lanqas ma għandhom jimmodifikaw jew ineħħu xi waħda mill-marki msemmija fl-Artikolu 18(1) mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur.	4. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni li jkollhom IKUE li ma jkunux l-oriġinaturi tiegħu ma għandhomx inaqqsu l-grad jew jiddeklassifikaw dak id-dokument, u lanqas ma għandhom jimmodifikaw jew ineħħu xi waħda mill-marki msemmija fl-Artikolu 18(1) mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur. ***Meta istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ma jaqblux mar-rifjut li jingħata l-kunsens bil-miktub tal-oriġinatur, jistgħu jirrikorru għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fl-Artikolu 39a.***

Or. en

Emenda 205
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jiddeċiedu li jiddeklassifikaw dokument b'IKUE, għandha tingħata kunsiderazzjoni dwar jekk dan għandux ikollu marka ta' distribuzzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 206
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jirrieżaminaw l-IKUE, kemm fuq karta kif ukoll f'SKI, tal-anqas kull 5 snin biex jiddeterminaw jekk għandhiex tinqered jew titħassar. Meta IKUE tinqered jew titħassar, ***huma*** għandhom jagħtu struzzjonijiet lil kwalunkwe persuna li tkun irċeviet dik l-IKUE qabel.	1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jirrieżaminaw l-IKUE, kemm fuq karta kif ukoll f'SKI, tal-anqas kull 5 snin biex jiddeterminaw jekk għandhiex ***tinżamm,*** tinqered jew titħassar***. Kwalunkwe deċiżjoni biex tinqered jew titħassar l-IKUE għandha tkun ġustifikata u dokumentat b'mod debitu***. Meta IKUE tinqered jew titħassar, ***l-istituzzjonijiet u l-korpi*** għandhom jagħtu struzzjonijiet ***f'dan is-sens*** lil kwalunkwe persuna li tkun irċeviet dik l-IKUE qabel.

Or. en

Emenda 207
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dettalji operazzjonali tal-pjanijiet ta' evakwazzjoni u qerda ta' emerġenza għandhom ikunu huma stess ikklassifikati ***bħala RESTREINT UE/EU RESTRICTED***.	Id-dettalji operazzjonali tal-pjanijiet ta' evakwazzjoni u qerda ta' emerġenza għandhom ikunu huma stess ikklassifikati.

Or. en

Emenda 208
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiddeċiedu dwar jekk u meta għandhom jarkivjaw IKUE, u l-miżuri prattiċi korrispondenti***,** ***f'konformità mal-politika tagħhom dwar***	1. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jiddeċiedu dwar jekk u meta għandhom jarkivjaw IKUE, u l-miżuri prattiċi ***uniformi*** korrispondenti.

il-ġestjoni tad-dokumenti.

Or. en

Emenda 209
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dokumenti b'IKUE ma għandhomx jiġu ttrasferiti lill-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 210
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 39a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 39a
	Tilwim
	1. Fil-każ ta' xi dubju dwar in-natura protetta tal-informazzjoni jew il-livell xieraq ta' klassifikazzjoni tagħha, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin mingħajr dewmien u qabel tiġi trażmessa l-informazzjoni. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi sabiex ikunu jistgħu jsolvu t-tilwima.
	2. Jekk, fi tmiem il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1, ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, ir-rifjut li tiġi riveduta n-natura protetta tal-informazzjoni jew il-livell xieraq ta' klassifikazzjoni tagħha għandu jkun soġġett għal rieżami tal-legalità tagħha f'konformità mal-Artikolu 263 tat-

TFUE.

Or. en

Emenda 211
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-prinċipji ***ewlenin*** tas-sigurtà għat-tfassil tat-trattament u tal-ħżin tal-IKUE min-naħa tas-SKI għandhom japplikaw fil-bidu tal-proġett, bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tar-riskju ***tas-sigurtà*** tal-informazzjoni u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' ***tagħrif***, il-funzjonalità minima, id-difiża fil-fond, l-inqas privileġġ, is-segregazzjoni tad-dmirijiet u erba' għajnejn;	(b) il-prinċipji ***kruċjali*** tas-sigurtà għat-tfassil tat-trattament u tal-ħżin tal-IKUE min-naħa tas-SKI għandhom japplikaw fil-bidu tal-proġett, bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tar-riskju ***għas-sigurtà*** tal-informazzjoni u b'kont meħud tal-ħtieġa ta' ***għarfien***, il-funzjonalità minima, id-difiża fil-fond, l-inqas privileġġ, is-segregazzjoni tad-dmirijiet u erba' għajnejn;

Or. en

Emenda 212
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-persunal kollu involut fl-operat ta' SKI li tittratta u li taħżen IKUE għandu jinnotifika lill-Awtorità ta' Sigurtà u lis-sid tas-sistema rilevanti jew lill-Awtorità Operattiva għall-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni bi kwalunkwe dgħufija potenzjali fis-sigurtà, inċidenti, ksur ta' tas-sigurtà jew kompromessi fis-sistema li jista' jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tas-SKI jew tal-IKUE fiha;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 213
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) is-sid tas-sistema jew l-Awtorità Operattiva għall-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ proċess li jidentifika u jirrapporta vulnerabbiltajiet; dak il-proċess għandu jkun ikkumplementat b'awditjar regolari u testijiet tal-penetrazzjoni fejn xieraq.

Or. en

Emenda 214
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jenħtieġ li tingħata preferenza lill-prodotti u lit-teknoloġiji Ewropej għat-trażmissjoni elettroniku u għall-ħżin tal-IKUE.

Or. fi

Emenda 215
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-persunal li jittratta l-informazzjoni klassifikata għandu jitqies li tħarreġ u li għandu biżżejjed għarfien

espert fis-sigurtà tal-informazzjoni;

Or. fi

Emenda 216
Ioan-Rareş Bogdan

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-Gwida tal-Klassifikazzjoni ta' Sigurtà trid tqis l-interess ġustifikat tal-pubbliku. L-inklużjoni ta' kwalunwe informazzjoni fil-kategorija tal-informazzjoni mhux destinata għall-użu tal-pubbliku trid tkun ġustifikata minn valutazzjoni tal-impatt soċjali.

Or. ro

Emenda 217
Ioan-Rareş Bogdan

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Kwalunkwe bidla fil-Gwida tal-Klassifikazzjoni ta' Sigurtà, tkun xi tkun id-data meta ssir, trid tkun ġustifikata minn valutazzjonijiet tal-impatt soċjali. Il-kuntatti/l-għotjiet fil-qasam tas-saħħa pubblika ma jistgħux ikunu soġġetti għal klassifikazzjonijiet li jillimitaw l-aċċess għalihom mill-media.

Or. ro

Emenda 218
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens.	2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ***mill-Parlament Ewropew,*** mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens. ***Dak is-sottogrupp għandu jfittex bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li tiġi protetta IKUE u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u għandu jiżgura li l-klassifikazzjoni fiha nnifisha ma tipprevenix id-divulgazzjoni.***

Or. en

Emenda 219
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens.	2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ***mill-Parlament,*** mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens. ***Dak is-sottogrupp għandu jiżgura sinerġija bejn il-ħtieġa li tiġi protetta l-IKUE u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u għandu jiżgura li l-klassifikazzjoni fiha nnifisha ma tipprevenix id-divulgazzjoni.***

Or. en

Emenda 220
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens.	2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ***mill-Parlament Ewropew,*** mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens.

Or. en

Emenda 221
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens.	2. Is-sottogrupp dwar il-kondiviżjoni u l-iskambju ta' informazzjoni klassifikata tal-IKUE għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, mill-Kunsill***, mill-Parlament Ewropew*** u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u għandu jaħdem b'kunsens.

Or. en

Emenda 222
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jissaħħu l-programmi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà li għaddejjin ***tal-awtoritajiet*** ta' sigurtà.	(d) li jissaħħu l-programmi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà li għaddejjin ***għall-awtoritajiet*** ta' sigurtà ***u għall-persunal***.

Or. fi

Emenda 223
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ***jistgħu*** jikkondividu IKUE ma' istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ***għandhom*** jikkondividu IKUE ma' istituzzjoni jew korp ieħor tal-Unjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 224
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) ikun hemm obbligu ġuridiku skont it-Trattati, il-leġiżlazzjoni sekondarja jew ftehim interistituzzjonali konklużbejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jew

Or. en

Emenda 225
Konstantinos Arvanitis

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm ħtieġa mixhuda bi prova għall-iskambju;	(a) ikun hemm ħtieġa mixhuda bi prova għall-iskambju***, jew obbligu ġuridiku skont id-dritt tal-Unjoni jew skont ftehim konklużbejn l-istituzzjonijiet***

tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 226
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm ħtieġa mixhuda bi prova għall-iskambju;	(a) ikun hemm ħtieġa mixhuda bi prova għall-iskambju; ***u***

Or. en

Emenda 227
Kristian Vigenin, Krzysztof Śmiszek, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tkun twettqet żjara ta' valutazzjoni fl-istituzzjoni jew fil-korp tal-Unjoni kkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 53, li l-eżitu tagħha jiċċertifika l-kapaċità ta' dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li jittratta u jaħżen livell speċifikat ta' IKUE;	(b) tkun twettqet żjara ta' valutazzjoni fl-istituzzjoni jew fil-korp tal-Unjoni kkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 53, li l-eżitu tagħha jiċċertifika l-kapaċità ta' dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni li jittratta u jaħżen livell speċifikat ta' IKUE; ***u***

Or. en

Emenda 228
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-proċeduri stabbiliti skont dan l-

Artikolu għandhom jiġu implimentati b'mod li jagħti prijorità lill-effiċjenza u jipprevjeni d-dewmien. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom regolament jirrieżaminaw u jissimplifikaw il-modalitajiet tal-kondiviżjoni ta' IKUE bil-għan li jiġu evitati pożijiet amministrattivi jew kumplikazzjonijiet bla bżonn.

Or. en

Emenda 229
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat tal-Unjoni jeħtieġ li jiskambja fuq bażi fit-tul informazzjoni klassifikata, bħala regola ġenerali, mhux ogħla minn ***RESTREINT UE/EU RESTRICTED*** mal-kontroparti tiegħu f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali;	(a) l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat tal-Unjoni jeħtieġ li jiskambja**,** fuq bażi fit-tul informazzjoni klassifikata, bħala regola ġenerali, mhux ogħla minn ***CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL*** mal-kontroparti tiegħu f'pajjiż terz jew f'organizzazzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 230
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni li jkunu ġew ivvalutati jew mill-Kummissjoni ***jew*** mill-Kunsill jew mis-SEAE qabel id-[data ta' applikabbiltà jj/xx/ssss], kif xieraq biex tiġi ttrattata u tinħażen IKUE, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19(1).	2. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni li jkunu ġew ivvalutati jew mill-Kummissjoni**,** mill-Kunsill**, *mill-Parlament Ewropew*** jew mis-SEAE qabel id-[data ta' applikabbiltà jj/xx/ssss], kif xieraq biex tiġi ttrattata u tinħażen IKUE, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu

19(1).

Or. en

Emenda 231
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni li jkunu ġew ivvalutati jew mill-Kummissjoni ***jew*** mill-Kunsill jew mis-SEAE qabel id-[data ta' applikabbiltà jj/xx/ssss], kif xieraq biex tiġi ttrattata u tinħażen IKUE, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19(1).	2. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni li jkunu ġew ivvalutati jew ***mill-Parlament,*** mill-Kummissjoni***,*** mill-Kunsill jew mis-SEAE qabel id-[data ta' applikabbiltà jj/xx/ssss], kif xieraq biex tiġi ttrattata u tinħażen IKUE, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19(1).

Or. en

Emenda 232
Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa mhux aktar tard minn [jj/xx/ssss ***3 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Sa mhux aktar tard minn [jj/xx/ssss ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 233
Sigrid Friis

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mhux aktar kmieni minn [***5*** snin wara d-data tal-applikazzjoni] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	2. Mhux aktar kmieni minn [***3*** snin wara d-data tal-applikazzjoni] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 234
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-dokumenti li jkun fihom informazzjoni sensittiva mhux klassifikata jridu jiġu mmarkati bl-użu ta' marka tas-sigurtà u, jekk rilevanti, marka waħda jew aktar tad-distribuzzjoni li tispeċifika l-udjenza fil-mira kif xieraq. Il-marka tas-sigurtà standard għandha tkun il-kelma "***SENSITIVE***" f'ittri kapitali, minbarra fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2).	1. Id-dokumenti li jkun fihom informazzjoni sensittiva mhux klassifikata jridu jiġu mmarkati bl-użu ta' marka tas-sigurtà u, jekk rilevanti, marka waħda jew aktar tad-distribuzzjoni li tispeċifika l-udjenza fil-mira kif xieraq. Il-marka tas-sigurtà standard għandha tkun il-kelma "***PROTECTED***" f'ittri kapitali, minbarra fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2).

Or. en

Emenda 235
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness I – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-dokumenti mmarkati ***SENSITIVE*** jitbaxxew għal EU ***NORMAL*** jew PUBLIC USE, permezz tat-tneħħija jew tal-qtugħ tal-marki.	4. Id-dokumenti mmarkati ***PROTECTED*** jitbaxxew għal EU ***WORKING*** jew PUBLIC USE, permezz tat-tneħħija jew tal-qtugħ tal-marki.

Or. en

Emenda 236
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Anness I – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jipprovdu taħriġ lill-persunal kollu li jaħdem b'mod remot rigward it-trattament ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata waqt ix-xogħol barra mill-uffiċċju.	12. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jipprovdu taħriġ ***fuq bażi regolari*** lill-persunal kollu li jaħdem b'mod remot rigward it-trattament ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata waqt ix-xogħol barra mill-uffiċċju.

Or. fi

Emenda 237
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1) "Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal" jew "PSC" tfisser dikjarazzjoni ***minn awtorità rilevanti ta' Stat Membru*** li ssir wara t-tmiem ta' investigazzjoni ta' sigurtà mwettqa ***mill-awtorità*** kompetenti u li tiċċertifika li individwu jista' jingħata aċċess għal IKUE sa livell speċifikat (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla) għal perjodu ta' żmien stabbilit;	1) "Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal" jew "PSC" tfisser dikjarazzjoni ***mill-Kummissjoni*** li ssir wara t-tmiem ta' investigazzjoni ta' sigurtà mwettqa ***mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet*** kompetenti ***tal-Istati Membri rilevanti*** u li tiċċertifika li individwu jista' jingħata aċċess għal IKUE sa livell speċifikat (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla) ***u*** għal perjodu ta' żmien stabbilit;

Or. en

Emenda 238
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2) "Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal" tfisser ċertifikat maħruġ ***minn awtorità kompetenti*** li tistabbilixxi li individwu għandu approvazzjoni tas-sigurtà valida jew ***approvazzjoni*** ekwivalenti jew awtorizzazzjoni ***għall-aċċess għal IKUE sa livell speċifiku*** (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla), il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni ta' sigurtà relevanti, u d-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat innifsu.	2) "Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal" tfisser ċertifikat maħruġ ***mill-Kummissjoni*** li tistabbilixxi li individwu għandu approvazzjoni tas-sigurtà valida**,** jew ekwivalenti**,** jew awtorizzazzjoni ***tas-sigurtà u li turi l-livell ta' IKUE li għalih dan l-individwu jista' jingħata aċċess*** (CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla), il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni ta' sigurtà relevanti, u d-data tal-iskadenza taċ-ċertifikat innifsu.

Or. en

Emenda 239
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ***tas-Sigurtà*** tal-istituzzjoni u tal-korp tal-Unjoni kkonċernat trid titlob kunsens bil-miktub mingħand l-individwu għall-proċedura tal-approvazzjoni tas-sigurtà qabel ma jintbagħat kwestjonarju ***komplut*** dwar l-approvazzjoni tas-sigurtà ***lill-Awtorità tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-applikant***.	1. L-Awtorità ***ta' Sigurtà*** tal-istituzzjoni u tal-korp tal-Unjoni kkonċernat trid titlob kunsens bil-miktub mingħand l-individwu għall-proċedura tal-approvazzjoni tas-sigurtà qabel ma jintbagħat kwestjonarju ***kompletat*** dwar l-approvazzjoni tas-sigurtà ***lill-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 240
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk istituzzjoni jew korp tal-Unjoni tasallu informazzjoni rilevanti għal investigazzjoni ta' sigurtà b'rabta ma' individwu li jkun applika għal approvazzjoni tas-sigurtà biex jaċċessa IKUE, l-Awtorità ***tas-Sigurtà*** kompetenti, li taġixxi f'konformità ma' dan ir-Regolament, trid tinnotifika ***l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti*** b'dan.	2. Jekk istituzzjoni jew korp tal-Unjoni tasallu informazzjoni rilevanti għal investigazzjoni ta' sigurtà b'rabta ma' individwu li jkun applika għal approvazzjoni tas-sigurtà biex jaċċessa IKUE, l-Awtorità ***ta' Sigurtà*** kompetenti, li taġixxi f'konformità ma' dan ir-Regolament, trid tinnotifika ***lill-Kummissjoni*** b'dan.

Or. en

Emenda 241
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Wara li ***l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti*** tinnotifika l-valutazzjoni globali tas-sejbiet tal-investigazzjoni ta' sigurtà, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti:	3. Wara li ***l-Kummissjoni*** tinnotifika l-valutazzjoni globali tas-sejbiet tal-investigazzjoni ta' sigurtà, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti:

Or. en

Emenda 242
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk l-individwu jibda s-servizz 12-il xahar jew aktar wara d-data tan-notifika tar-riżultat tal-investigazzjoni ta' sigurtà, jew jekk ikun hemm waqfa ta' 12-il xahar fis-servizz tal-individwu, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti ***għandha*** titlob konferma mingħand ***l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti*** dwar il-validità tal-	4. Jekk l-individwu jibda s-servizz 12-il xahar jew aktar wara d-data tan-notifika tar-riżultat tal-investigazzjoni ta' sigurtà, jew jekk ikun hemm waqfa ta' 12-il xahar fis-servizz tal-individwu, l-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti ***jeħtiġilha*** titlob konferma mingħand ***il-Kummissjoni*** dwar il-validità tal-approvazzjoni tas-sigurtà.

approvazzjoni tas-sigurtà.

Or. en

Emenda 243
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni kkonċernat isir jaf b'riskju għas-sigurtà tal-informazzjoni li ġej minn individwu li għandu awtorizzazzjoni biex jaċċessa IKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà ta' dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ***għandha*** tinnotifika ***l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti*** b'dan u tista' tissospendi l-aċċess tal-individwu għall-IKUE jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għall-IKUE.	5. Jekk l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni kkonċernat isir jaf b'riskju għas-sigurtà tal-informazzjoni li ġej minn individwu li għandu awtorizzazzjoni biex jaċċessa IKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà ta' dik l-istituzzjoni jew korp tal-Unjoni ***jeħtiġilha*** tinnotifika ***lill-Kummissjoni*** b'dan u tista' tissospendi l-aċċess tal-individwu għall-IKUE jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għall-IKUE.

Or. en

Emenda 244
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Jekk ***Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali*** tinnotifika lill-istituzzjoni jew korp rilevanti li ma għadx hemm assigurazzjoni għal individwu li għandu aċċess għal IKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat ***trid*** tirtira l-awtorizzazzjoni ta' sigurtà tagħha u teskludi lill-individwu mill-aċċess għal IKUE f'konformità mar-regoli interni rilevanti tagħha.	6. Jekk ***il-Kummissjoni*** tinnotifika lill-istituzzjoni jew korp rilevanti li ma għadx hemm assigurazzjoni għal individwu li għandu aċċess għal IKUE, l-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernat ***jeħtiġilha*** tirtira l-awtorizzazzjoni ta' sigurtà tagħha u teskludi lill-individwu mill-aċċess għal IKUE f'konformità mar-regoli interni rilevanti tagħha.

Or. en

Emenda 245
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni u tal-korp tal-Unjoni kkonċernat tista' testendi l-validità tal-awtorizzazzjoni tal-aċċess għal IKUE għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, jekk ma tasal l-ebda informazzjoni negattiva ***mill-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali rilevanti jew minn awtorità nazzjonali kompetenti oħra*** fi żmien xahrejn mid-data tat-trażmissjoni tat-talba għal tiġdid u tal-kwestjonarju korrispondenti dwar l-approvazzjoni.	L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni u tal-korp tal-Unjoni kkonċernat tista' testendi l-validità tal-awtorizzazzjoni tal-aċċess għal IKUE għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, jekk ma tasal l-ebda informazzjoni negattiva ***mill-Kummissjoni*** fi żmien xahrejn mid-data tat-trażmissjoni tat-talba għal tiġdid u tal-kwestjonarju korrispondenti dwar l-approvazzjoni.

Or. en

Emenda 246
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernati tista' eċċezzjonalment tagħti awtorizzazzjoni temporanja għall-aċċess ta' IKUE, dment li ***l-Awtorità ta' Sigurtà Nazzjonali kompetenti*** tkun wettqet kontroll preliminari, fuq il-bażi tal-kwestjonarju tas-sigurtà komplut u trażmess, biex tivverifika li ma tkun magħrufa l-ebda informazzjoni negattiva rilevanti.	10. L-Awtorità ta' Sigurtà tal-istituzzjoni jew tal-korp tal-Unjoni kkonċernati tista' eċċezzjonalment tagħti awtorizzazzjoni temporanja għall-aċċess ta' IKUE, dment li ***l-Kummissjoni*** tkun wettqet kontroll preliminari, fuq il-bażi tal-kwestjonarju tas-sigurtà komplut u trażmess, biex tivverifika li ma tkun magħrufa l-ebda informazzjoni negattiva rilevanti.

Or. en

Emenda 247
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness II – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni ***jridu*** jiżguraw li l-esperti nazzjonali ssekondati lilhom għal pożizzjoni li teħtieġ approvazzjoni tas-sigurtà jippreżentaw, qabel ma jibdew l-inkarigu tagħhom, Approvazzjoni ***tas-Sigurtà tal-Persunal jew Ċertifikat ta' Approvazzjoni ta' Sigurtà tal-Persunal validu***, skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali, lill-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti. Dment li r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(1) jiġu ssodisfati, l-Awtorità ta' Sigurtà tista' mbagħad tagħti awtorizzazzjoni għal aċċess għal IKUE sa livell ekwivalenti għal dak imsemmi fl-approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali, b'validità massima mhux itwal mit-tul ta' żmien tal-kollokament tagħhom.	13. L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni ***jeħtiġilhom*** jiżguraw li l-esperti nazzjonali ssekondati lilhom għal pożizzjoni li teħtieġ approvazzjoni tas-sigurtà jippreżentaw, qabel ma jibdew l-inkarigu tagħhom, approvazzjoni ***tas-sigurtà nazzjonali valida***, skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali, lill-Awtorità ta' Sigurtà kompetenti. Dment li r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 23(1) jiġu ssodisfati, l-Awtorità ta' Sigurtà tista' mbagħad tagħti awtorizzazzjoni għal aċċess għal IKUE sa livell ekwivalenti għal dak imsemmi fl-approvazzjoni tas-sigurtà nazzjonali, b'validità massima mhux itwal mit-tul ta' żmien tal-kollokament tagħhom.

Or. en

Emenda 248
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness III – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-IKUE klassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED trid tiġi ttrattata u maħżuna fi kwalunkwe waħda miż-żoni li ġejjin:	***imħassar***
(a) f'Żona ta' Sigurtà;	
(b) f'Żona Amministrattiva dment li l-IKUE tkun protetta mill-aċċess ta' individwi mhux awtorizzati;	
(c) barra Żona ta' Sigurtà jew Żona Amministrattiva, dment li d-detentur ikun	

intrabat li jikkonforma mal-miżuri ta' kumpens deċiżi mill-Awtorità tas-Sigurtà ta' kull istituzzjoni u korp tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 249
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness III – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. IKUE klassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED trid tinħażen f'għamara ta' uffiċċju li tissakkar f'Żona Amministrattiva jew Żona ta' Sigurtà. Tista' tinħażen temporanjament barra minn Żona Amministrattiva jew Żona ta' Sigurtà dment li d-detentur ikun intrabat li jaħżen id-dokumenti kkonċernati f'għamara tal-uffiċċju msakkra xierqa meta ma jkunux qed jinqraw jew jiġu diskussi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 250
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness III – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jistgħu jittrattaw u jaħżnu informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED barra mis-siti tagħhom dment li l-informazzjoni rilevanti tiġi protetta b'mod xieraq. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jridu jikkonformaw mal-miżuri previsti fil-punt 8(c).	***imħassar***

Or. en

Emenda 251
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***L-informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED trid tiġi trasportata f'mill-inqas saff wieħed ta' imballaġġ opak, bħal enveloppi, folders opaki jew bagalja***. L-informazzjoni klassifikata bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla trid tinġarr f'żewġ saffi ta' imballaġġ opak.	8. L-informazzjoni klassifikata bħala CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ogħla trid tinġarr f'żewġ saffi ta' imballaġġ opak***, pereżempju enveloppi, folders opaki jew bagalja***.

Or. en

Emenda 252
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness IV – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-kurrieri kummerċjali jistgħu jwasslu informazzjoni bil-klassifikazzjoni ***RESTREINT UE/EU RESTRICTED u*** CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL fl-istess Stat Membru u minn Stat Membru għal ieħor. Il-kurrieri kummerċjali jistgħu jwasslu informazzjoni SECRET UE/EU SECRET fl-istess Stat Membru biss, u dment li jkunu approvati mill-Awtorità tas-Sigurtà Nazzjonali rilevanti. Ebda kurrier kummerċjali ma jista' jiġi fdat b'IKUE ta' livell TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET.	10. Il-kurrieri kummerċjali jistgħu jwasslu informazzjoni bil-klassifikazzjoni CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL fl-istess Stat Membru u minn Stat Membru għal ieħor. Il-kurrieri kummerċjali jistgħu jwasslu informazzjoni SECRET UE/EU SECRET fl-istess Stat Membru biss, u dment li jkunu approvati mill-Awtorità tas-Sigurtà Nazzjonali rilevanti. Ebda kurrier kummerċjali ma jista' jiġi fdat b'IKUE ta' livell TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET.

Or. en

Emenda 253
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness V – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. Meta l-Istati Membri jkunu jirrikjedu ASF jew Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal għal kuntratti, ftehimiet ta' għotja jew sottokuntratti fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tagħhom, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, bħala awtoritajiet kontraenti jew tal-għoti, ma jistgħux jużaw dawn ir-rekwiżiti nazzjonali biex jimponu obbligi addizzjonali fuq Stati Membri oħrajn jew jeskludu offerenti, applikanti, kuntratturi, benefiċjarji jew sottokuntratturi minn Stati Membri li ma jkollhomx tali rekwiżiti tal-ASF jew tal-Approvazzjoni tas-Sigurtà tal-Persunal għal aċċess għal informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED minn kuntratti, ftehimiet ta' għotja jew sottokuntratti relatati, jew kompetizzjoni għal tali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 254
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness V – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. Iż-żjarat li jinvolvu aċċess għal informazzjoni klassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED iridu jiġu organizzati direttament bejn l-entità li tibgħat u dik li tirċievi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 255
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness V – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
24. L-akkreditazzjoni ta' sigurtà għas-SKI tal-kuntratturi jew tal-benefiċjarji li tittratta IKUE fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED u kwalunkwe interkonnessjoni tagħha tista' tiġi ddelegata lill-uffiċjal għas-sigurtà ta' kuntrattur jew benefiċjarju jekk dan ikun permess mil-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.	***imħassar***
Meta l-kompitu tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà jiġi delegat, il-kuntrattur jew il-benefiċjarju għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà deskritti fl-Ittra dwar Aspetti ta' Sigurtà meta tkun qed tiġi ttrattata informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED fis-SKI tiegħu. L-Awtoritajiet ta' Sigurtà Nazzjonali jew l-Awtoritajiet ta' Sigurtà Dežinjati u l-AAS rilevanti jżommu r-responsabbiltà għall-protezzjoni ta' informazzjoni bil-klassifikazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED li tiġi ttrattata jew maħżuna mill-kuntrattur jew mill-benefiċjarju u d-dritt li jispezzjonaw il-miżuri ta' sigurtà li jittieħdu mill-kuntrattur jew mill-benefiċjarju.	
Barra minn hekk, il-kuntrattur jew il-benefiċjarju jrid jipprovdi lill-istituzzjoni u lill-korp tal-Unjoni, bħala l-awtorità kontraenti jew tal-għoti u, fejn meħtieġ mil-liġijiet u mir-regolamenti nazzjonali, l-AAS nazzjonali kompetenti, b'dikjarazzjoni ta' konformità li tiċċertifika li s-SKI tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju u l-interkonnessjonijiet relatati ġew akkreditati biex tiġi ttrattata u maħżuna IKUE fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED.	

Or. en

Emenda 256
Daniel Freund

Proposta għal regolament
Anness V – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. Informazzjoni RESTREINT UE/EU RESTRICTED tista' tingarr bl-idejn mill-persunal tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju fi ħdan l-Unjoni Ewropea, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-envelopp jew l-imballaġġ li jintuża jkun opak u ma jkollu l-ebda indikazzjoni dwar kif il-kontenut tiegħu huwa kklassifikat;	
(b) min iġorr jibqa' fil-pussess tal-informazzjoni klassifikata l-ħin kollu;	
(c) l-envelopp jew l-imballaġġ ma jinfetaħx qabel ma jasal fid-destinazzjoni finali tiegħu.	

Or. en